61



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull xahrejn

VOL IV – SENA XIII – NRU. 61

**JANNAR-FRAR, 1992**

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telephone: 556187.

**Abbonament għal sena:**
Lokali: Lm1
Sostenitur: Offerta Libera.

Barra minn Malta: Lm1.50ċ
Sostenitur: Offerta Libera.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex fuq l-eżempju ta' Marija u bil-għajnuna tagħha, nimxu wara Ġesù, li huwa t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

"Gozo Press". Tel. 551534.


| | |
|---|---|
| * Il-Kelma tar-Rettur | 1 |
| * Fl-Iskola tal-Verġni Mqaddsa | 2 |
| * Andrea Vassallo | 5 |
| * Tama u Faraġ | 8 |
| * Consolation of the Truth | 9 |
| * Devozzjoni, Superstizzjoni jew Seħer??!! | 12 |
| * Werrej Ġenerali | |
| * Ma' Marija fiż-Żgħożija | 16 |
| * Novella – Qalb Maqsuma | 17 |
| * Tfal Tħobbuha lill-Madonna? | 20 |
| * Mill-Ħajja tas-Santwarju | 21 |
| * Grazzi Madonna Għax Smajtni | 23 |


**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmni Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.




# IL-KELMA TAR-RETTUR

*F'dawn il-ġranet, il-Knisja, fil-Liturġija tal-Kelma tfakkarna f'dik il-ġrajja sabiħa ta' meta Sidna Ġesù flimkien ma' Ommu u xi dixxipli tiegħu kienu mistednin għal tieġ f'Kana tal-Galilija. F'din il-festa, jew minħabba n-nuqqas tal-kalkoli min-naħa ta' l-għarajjes jew min-naħa ta' min kien jieħu ħsieb il-mejda, jew għax il-mistednin xorbu aktar milli kien imisshom jew għax forsi ma setax ikollhom il-kumdità meħtieġa minħabba xi diffikultà fil-familja, ġara li xħin il-festa kienet fl-aqwa tagħha, spiċċalhom l-inbid. Din il-ħaġa żgur li kienet sejra taqla' ħafna nkwiet, akkużi, ġlied u mistħija.*

*Imma, kif Marija, Omm Ġesù ndunat x'ġara, mingħajr ebda storbju, daret fuq Ġesù u qaltlu bid-diżgrazzja li kienet sejra taqa' fuq dawk l-imberkin għarajjes: "Ma għandhomx inbid". Kien l-ewwel intervent li nafu bih li Marija għamlet għall-bnedmin quddiem binha Ġesù. Ġesù donnu ried iċaħħadha minn dak li talbitu. Imma mimlija fiduċja u fidi f'Binha, mingħajr ma qagħdet tiddiskuti miegħu dak li ġara u dak li setgħa jiġri, daret fuq il-qaddejja u ordnatilhom jagħmlu dak li jgħidilhom. Ġesù qabbad lill-qaddejja jimlew xi ġarar bl-ilma u mbagħad inewluhom lill-kap tal-mejda. Dawk segwew l-ordni ta' Ġesù u l-ilma nbidel f'inbid l-iktar bnin u tajjeb.*

*F'din il-ġrajja naraw tliet ħwejjeġ importanti ħafna għall-ħajja tagħna: il-fiduċja u l-fidi ta' Marija, il-qawwa ta' l-intervent tagħha u l-ubbidjenza. Hija għarfet id-diżgrazzja li kienet ġejja fuq l-għarajjes u ndaħlet biex tgħinhom akkost li tiġi umiljata, kellha fiduċja f'Binha Ġesù u fidi qawwija fis-setgħa tiegħu u fl-aħħarnett talbet l-ubbidjenza.*

*Dan il-miraklu, nistgħu ngħidu, li rripeta ruħu ħafna drabi u għadu u jibqa' jirripeti ruħu għalkemm iseħħ taħt aspetti u ċirkustanzi differenti. Dan il-miraklu jseħħ kontinwament f'kull post fejn il-Mulej jippermetti li Ommu Marija twaqqaf it-tron tagħHa, fejn hija tistieden lill-bnedmin biex iqimuHa, b'mod speċjali fis-santwarji prinċipali tagħha. Dawn il-mirakli narawhom iseħħu, bl-interċessjoni tagħha, mhux biss materjalment, jiġifieri f'xi fejqan tal-ġisem jew f'xi diżgrazzja materjali oħra, imma anke spiritwalment, meta l-Madonna terfa' xi midneb mill-ħama tad-dnub biex iżżejnu bil-grazzja ta' Binha Ġesù.*

*Imma għad li hija tagħmel dan kollu magħna l-bnedmin u aktar u aktar ma' dawk li jersqu lejHa, jerħu ruħhom f'idejHa u jitolbuHa l-grazzji li jeħtieġu, hija ma tonqos qatt li tgħid lil kulħadd "Agħmlu dak li jgħidilkom". Għaliex kif hija stess għamlet dejjem dak li titlob il-liġi, anke meta ma kenitx suġġetta għaliha, hekk ukoll hija trid li aħna nkunu sottomessi għal dak li jrid Sidna Ġesù, jekk irridu li naqilgħu dak li nitolbu. Eżempju ċar ta' dan hija l-festa tal-Madonna li aħna niċċelebraw fit-2 ta' Frar, jiġifieri l-Preżentazzjoni ta' Sidna Ġesù. Il-liġi ta' Mosè kienet tgħid li l-ewwel tifel li jitwieled fil-familja għandu jkun ikkonsagrat lill-Mulej. Ġesù ma kellux għalfejn jiġi kkonsagrat lill-Mulej għaliex kien l-istess Iben tiegħu. Barra minn hekk, Marija ma kellhiex għax tieħu l-umiljazzjoni tal-purifikazzjoni, għaliex kienet verġni, kemm qabel kemm ukoll wara t-twelid tiegħu, għaliex dak li sar fiha sar bil-qawwa ta' Alla stess. Marija kienet ukoll min-nisel ta' David; frattant kellha titqies bħala waħda fqira li kienet kapaċi toffri biss offerta ta' familja fqira; fl-aħħarnett kellha tisma' t-tħabbira qarsa tax-xwejjaħ Xmun: "Sejf għad jinfidlek qalbek".*

*Dak li għamlet Marija tistenna minna li nagħmluh aħna wkoll jekk irridu li magħna wkoll jirripeti ruħu l-miraklu ta' Kana meta nkunu bżonn. Mhux biżżejjed li nuru li aħna bżonn ta' din jew dik il-grazzja. Jeħtieġ li nagħmlu dak li jrid minna Ġesù. U Ġesù ma jitlobx minna ħlief li aħna ngħixu ħajja tajba, inħallu dnubietna, nindmu minnhom u nagħmlu penitenza kif wissietna tant drabi Marija fid-dehriet tagħHa.*

# Il-Iskola tal-Verġni Mqaddsa

## (Meditazzjonijiet dwar il-Kobor u l-Qdusija tal-Madonna)

Mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi

## XIX. Marija u d-don tal-Kunsill

(1) Id-don tal-Kunsill, jipperfezzjona l-virtù tal-prudenza u jgħin lin-nisrani biex jiġġudika bla dewmien u mingħajr dubju dwar dak li wieħed għandu jagħmel, speċjalment f'każijiet diffiċli. Dan ma jiddependix biss mill-istudju jew l-esperjenza li wieħed jista' jikseb matul ħajtu, iżda jiddependi wkoll minn ċertu dawl jew intuwizzjoni sopranaturali. L-oġġett proprju tad-don tal-kunsill, huma l-azzjonijiet jew għemejjel tal-bniedem li, bil-għajnuna t'Alla, għandna niddiriġuhom għat-tajjeb u nżommuhom ħielsa mit-tinġis tal-ħażen.

Bid-don tal-kunsill, inkunu kapaċi nagħżlu dak li hu mnebbaħ minn Alla, minn dak li hu mnebbaħ minn fehmiet u xewqat oħra li jista' jkun fihom il-qerq tax-xitan. Id-don tal-kunsill iżommna 'l bogħod ukoll mill-iżbalji li tista' twaqqagħna fihom l-istess natura umana tagħna li mhux dejjem tfittex u tixtieq dak li jrid Alla.

(2) Il-Madonna hija msejħa **"l-Omm tal-Bon Kunsill"** jew tal-Parir it-Tajjeb. Fiha kien jaħdem kontinwament id-don tal-Kunsill. Difatti Hija kienet dejjem attenta lejn Alla u ruħha kienet f'għaqda kontinwa miegħu. Bil-ħeffa kollha, għalhekk kienet tintebaħ bl-ispirazzjonijiet tal-Mulej u setgħet tkun taf sewwa x'kien irid minnha Alla l-Imbierek f'kull ċirkustanza ta' ħajjitha. Sa minn ċkunitha ddedkat ruħha lil Alla bil-wegħda tal-verġinità bir-responsabbiltà sħiħa tagħha aċċettat il-missjoni li tkun Omm il-Feddej, imdawla u mmexxija dejjem bid-don tal-Kunsill. Għaliha, wisq iktar mill-qaddisin l-oħra kollha, igħoddu l-kelmiet tal-ktieb tal-Proverbji (2, 11): **"Il-għaqal igħasses fuqek, il-fehma tajba tħarsek, teħilsek minn triq il-ħażen"**. Dan id-don tal-Kunsill, li permezz tiegħu, Marija bil-ħeffa kollha kienet iddur lejn Alla u minnu tirċievi d-dawl u l-ispirazzjoni li kienet teħtieġ, kien iżomm lir-ruħ tagħha f'paċi l-iktar profonda.

(3) Id-don tal-Kunsill jgħinna biex napplikaw il-prinċipji tal-morali nisranija fil-ħajja tagħna ta' kuljum, biex nevitaw l-iżbalji u l-ħtijiet. Igħinna wkoll biex nagħtu pariri tajba lill-oħrajn u mmexxuhom fit-triq tal-perfezzjoni. Jeħtieġ li nitolbuh ta' kuljum lil Alla u nħarsuh fina bl-ikbar għożża. Jekk ikollna lilu, niddeċiedu u nitkellmu skond il-prudenza tal-qaddisin u nfittxu fuq kollox dak li jrid Alla minnha.

Jekk ma jkollniex id-don tal-Kunsill, inkunu mmexxija mill-prudenza umana, li xi drabi tkun imbiegħda ħafna mill-fehmiet t'Alla u mit-toroq tal-qdusija. Huwa dmir tagħna wkoll li meta niltaqgħu ma' ċerti problemi, barra milli nitolbu, infittxu wkoll il-parir ta' nies twajba li jistgħu jkunu mżejnin bid-don tal-Kunsill. Okkażjoni bħal din tista' tkun dik ta' meta nkunu ser nagħmlu l-għażla ta' l-istat tagħna jew ser niddeċiedu dwar il-ġejjieni tagħna jew ta' wliedna.

**Talba ta' l-aħħar:** Marija, Omm tal-

Bon Kunsill, dawwal moħħna bid-dawl tas-sema u iksbilna d-don tal-Kunsill, biex nirregolaw l-egħmejjel tagħna kollha għall-għan li għaliha ħalaqna Alla.



## XX. Marija u d-don tax-Xjenza

(1) Ix-xjenza hija d-don li jneħħi min-nisrani, l-injoranza li hija l-ewwel kawża tad-dnub. Id-don tax-xjenza jgħallimna liema huwa l-veru siwi tal-kreaturi. Għall-midinbin il-ħlejjaq huma bħal ħajt li jifirduhom minn Alla, għall-qaddisin, il-ħlejjaq huma bħal taraġ jew sellum li jqarbuhom lejn il-Ħallieq. Ix-xjenza bħala don ta' l-Ispirtu s-Santu tipperswadina li l-kreaturi fihom in-fushom huma frugħa, ldumu biss għal ftit taż-żmien u jkun jiżbalja min jorbot qalbu magħhom, iktar u iktar jekk minnhom jagħmel idolu minflok Alla. L-istess don jurina wkoll li fil-kreaturi hemm raġġ mid-dawl sabiħ li hu Alla. Is-sbuħija u l-gradi ta' perfezzjoni li hemm fil-ħlejjaq għandhom ifak-kruna l-ħin kollu fis-sbuħija nfinita t'Alla, u b'hekk nintebħu li Hu biss għandu jkun it-teżor ta' qalbna.

(2) Il-kantiku tal-Magnifikat huwa xhieda wkoll li fir-ruħ ta' Marija kien hemm bil-kotra d-don tax-xjenza. Il-vjaġġ tagħha minn Nazaret sa Għajn Karin fejn żaret lil Eliżabetta, kien għal Marija okkażjoni tajba biex tikkontempla s-sbuħija tan-natura, bħal dik ta' l-ikħal tas-sema u tal-ħdura tas-siġar u tal-għelieqi maħduma. Iżda qalbha kienet maħlula għal kollox minn dak kollu li hu tad-dinja. L-ispirtu tagħha jifraħ biss f'Alla, il-Ħallieq tagħha. Hija ma tifraħx bil-flus jew il-ġid ta' l-art u l-anqas bl-unuri jew b'xi

pożizzjoni għolja, anzi tifraħ li hija l-ilsira tal-Mulej u l-ilsiera m'għandhom xejn tagħhom u ma jistgħux jiddisponu kif iridu mill-kreaturi.

(3) Id-don tax-xjenza jgħallimna nagħtu ġudizzju rett u xieraq dwar il-ħlejjaq fir-relazzjoni tagħhom mal-Ħallieq u b'hekk inkunu nistgħu ninqdew għall-veru ġid tagħna. Huwa fatt, però, li kull darba li waqajna fid-dnub u fil-vizzju, kien hemm imdaħħla finnofs xi kreatura, li tista' tkun ukoll bniedem ieħor bħalna. Jeħtieġ li nirrikonoxxu qabel xejn, li Alla waħdu hu s-sid ta' kollox u l-ħlejjaq inferjuri għall-bniedem, huma mislufa lilna minn Alla, biex nieħdu ħsiebhom u ninqdew bihom skond ir-Rieda Mqaddsa tiegħu.

Il-bnedmin l-oħra għandna nħarsu lejhom bħala ħutna u r-relazzjonijiet tagħna magħhom għandhom ikunu mibnija fuq il-ġustizzja u l-imħabba, kif irid Alla, il-Missier tagħna tas-sema. Kemm it-tajjeb li hemm fina nfusna, kif ukoll it-tajjeb li hemm fl-oħrajn, bnedmin jew m'humiex, kollox ġej minn Alla bħala riġal tiegħu u għelm ta' mħabbtu lejna. Ta' kull ġid, li ġej mis-sema, jeħtieġ li nroddu ħajr lill-Ħallieq u nipprovaw nagħrfuh u nħobbuh dejjem iżjed.

**Talba ta' l-aħħar:** Għat-talb tal-Verġni Mqaddsa Marija, dawwal moħħna, Mulej, bid-dawl tad-don tax-xjenza li ġej minnek.

## XXI. Marija u d-don tal-Fehma

(1) L-Intellett jew il-Fehma huwa dak id-don ta' l-Ispirtu s-Santu li jerfa' l-moħħ tal-bniedem u jgħinu biex jifhem aħjar il-veritajiet li ġew rivelati lilna minn Alla u li għandna nemmnu biex nistgħu nsalvaw. Mhux il-veritajiet kollha li għallimna Alla nistgħu nifhmuhom. Hemm ukoll il-misteri, li għad li l-bniedem bid-dawl naturali biss la jista' jsibhom u lanqas jispjegahom, iżda għandna nemmnuhom ukoll, billi noqogħdu fuq il-Kelma t'Alla, li fih ma hemm ebda qerq.

Id-don ta' l-intellett, għad li ma jneħħix il-misteru, iżda jagħmilna iktar familjari mal-veritajiet rivelati minn Alla, u mad-dommi tal-Fidi tagħna Kattolika. Bid-don ta' l-intellett nilmħu wkoll l-armonija li hemm bejn il-veritajiet tal-Fidi Nisranija. Il-Qaddisin li għamlu kontemplazzjoni profonda fuq Alla, kienu mgħejjuna minn dan id-don.

(2) L-Imqaddsa Verġni Marija, mhux biss kienet ruħ kontemplattiva, iżda wkoll xempju u għalliema tal-kontemplattivi. "**Marija baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha, u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha**". (Lq 2, 19). Din hija x-xhieda li jagħti l-Evanġelista dwar il-kontemplazzjoni ta' Marija. Hija kkontemplat ukoll il-ħniena li wera Alla magħha u mal-poplu tiegħu, u fissret ħsibijietha fil-**Magnificat**. Ta' min igħid ukoll li ħadd ma daħal fil-qrib tal-misteru ta' Kristu, Binha u Bin Alla, kif daħlet Marija u dan il-għarfien seta' jingħatalha biss bid-don ta' l-Intellett.

(3) In nisrani m'għandux jintilef biss fil-ħajja attiva, iżda għandu jsib ukoll ħin biex jaħseb u jikkontempla fuq il-kobor t'Alla u tal-misteri tiegħu.

Il-grazzja tal-kontemplazzjoni ma tingħatax lil kulħadd u lanqas ma tingħata fl-istess grad lil kull wieħed; iżda min ikollu din il-grazzja jeħtieġ li ma jħallihiex vojta, iżda jinqeda biha biex jikber fil-Fidi u fil-Karità. Huwa dmirna wkoll li nitolbu għall-erwieħ kontemplattivi sabiex bid-don ta' l-Intellett, Alla jmexxihom 'il quddiem fit-toroq misterjużi tiegħu u jżommhom bogħod minn kull għelt.

**Talba ta' l-aħħar:** Spirtu Santu Alla, sawwab f'ruħna d-don tal-Fehma u bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, agħmel li fid-dawl tiegħek naraw id-dawl.

# ANDREA VASSALLO *(1856 - 1928)*
## ARKITETT TAS-SANTWARJU-BAŻILIKA TAL-MADONNA TA' PINU F'GĦAWDEX

Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

**L-Ewwel Snin ta' ħajtu**

Persunaġġ Malti li ismu ntrabat għal dejjem mas-Santwarju-Bażilika tal-Madonna "Ta' Pinu" huwa l-arkitett Ħalluqi Andrea Vassallo. Kien dan l-arkitett li fassal il-pjanta ta' dan is-Santwarju Nazzjonali li sar magħruf mad-dinja kollha. Hekk li fil-ktieb "La Madonna nel Mondo Con I Più Celebri Santuari Mariani" f'paġna 209 insibu s-Santwarju tal-Madonna "Ta' Pinu" bejn dak tal-Mellieħa u tal-Mosta. (1)

Andrea Vassallo twieled f'Ħal-Luqa fit-2 ta' Jannar, 1856. Huwa bin Salvu Vassallo u martu Katerina Sammut. Ġie mgħammed l-għada, 3 ta' Jannar. (1856) mill-Kappillan ta' l-Imqabba Dun Vinċenz Schembri. Tawh l-ismijiet ta' Andrea, Vinċenzu, Albertu u Pietru. Bħala parrina kellu lil Domenica Zammit bint Albertu. (2) Missieru kien mgħallem tal-ġebel. Andrea kellu tliet ħutu oħra: Ġużeppi u Karmenu li saru qassisin, u Ġanni. Ġanni Vassallo fil-5 t'April 1914 sar reġistratur tal Qorti ta' Għawdex. Ġanni huwa magħruf bħala "Il-Bennej ta' l-Ortografija Maltija". (3)

**Bidu tax-xogħol tiegħu**

Andrea Vassallo beda l-karriera tiegħu bħala skultur fil-ġebel. L-ewwel ħdax-il sena tal-ħajja professjonali tiegħu għamilhom fi prattika privata. Fis-sena 1887 meta Vassallo kellu 31 sena diġà kellu taħriġ twil "f'kull fergħa ta' l-arti fil-bini", hekk li kien jieħu ħsieb ħafna bini. (4) Andrea Vassallo kien il-għaġeb ta' l-arti arkitettonika mwielda miegħu,



magħġuna f'demmu pattiet għall-ftit skola li kien jaf. (5)

L-ewwel biċċa xogħol kbira tiegħu kien it teatru "Prinċipessa Melita" f'Tas-Sliema fl-1885. "Disinn sabiħ u jolqtok li juri l-kapaċità ta' Indri Vassallo - opra tabilħaqq perfetta", kiteb wieħed fil-"Malta". Fl-istess sena bena mill-ġdid il-monument ta' Sir Alexander Ball li hemm fil-Barrakka t'Isfel. (6) Meta kien għad għandu biss 27 sena, fl-1883, l-Arċipriet tal-Furjana, Lauron, qabbdu jħejji disinn għall-faċċata tal-Knisja Parrokkjali. Għamel disinn ieħor il-professur Nikola Zammit. Kbir kien id-diżappunt ta' Vassallo meta l-Arċipriet ħareġ biss għall-wiri d-disinn ta' Zammit. Wieħed korrispondent li kkritika din il-mossa

kiteb: "Rajt iż-żewġ disinni, għoġobni tal-Professur Zammit, imma tas-Sur Vassallo saħħarni". (7)

**Iktar xogħlijiet ta' l-Arkitett Andrea Vassallo**

Il-ġenju ta' dan il-Ħalluqi fl-arti arkitettonika jidher meta wieħed isir jaf li qatt ma għamel kors regulari ta' arkitettura. Fl-1887 meta kien ġà beda juri l-ħila tiegħu fl-arkitettura laħaq Clerk of Works fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. F'din il-kariga kellu f'idejh, fost xogħol ieħor, il-bini ta' l-Isptar tax-Xjuħ, l-Imgieret, u l-iskejjel tal-Ħamrun, u tas-Sliema. (8)

It-tkabbir minn ġewwa tal-Knisja ta' Stella Maris kien taħt idejh. Huwa ddisinja l-bini ta' vilel differenti fil-bidu ta' Stil Ingliż għall-Imħallef P. Mifsud, is-sinjuri Pace, u l-Baruni Depiro fis-Saqqajja, ir-Rabat, u djar oħra ħdejn il-Katidral għal nobbli u sinjuri. Iddisinja wkoll villa f'Ħ'Attard u xogħlijiet oħra f'Villa Bologna li kienu ġew imħollija f'idejh minn Sir Gerald Count Strickland.

Jidher li Vassallo kellu ħbieb Ingliżi. F'dan iż-żmien huwa ddisinja għas-suldati u baħrin Istitut li kien ġie mħolli f'idejh mill-Colonel Woodward. Iddisinja wkoll bini differenti fit-Tiġrija tal-Marsa. Il-mejjet Genwilkie kien ġagħlu jħejji disinn għal "Branok Union Club" f'Tas-Sliema. (9)

Minn taħt idejh ukoll ħarġet id-dar tal-Little Sisters of the Poor, il-Ħamrun. Mexxa l-bini ta' l-Isptar tal-Blue Sisters li ġie inawgurat fl-1910. Fl-1912 għamel id-disinn tat-tribuna tal-Bażilika ta' l-Isla. Fl-1923 rebaħ konkors bil-pjanta li għamel għall-koppla u l-kampnari għall-knisja ta' San Gejtanu, il-Ħamrun. Kien biss fl-1954-56 li l-koppla nbniet taħt id-direzzjoni tas-Sur Ġużè D'Amato, li għamel xi tibdiliet fid-disinn ta' Vassallo. (10)

Dwar il-koppla tal-Knisja Parrokkjali u Matriċi ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, naqraw: "Din il-koppla hija magħrufa minn ħafna bħala l-isbaħ koppla ta' Malta, iddisinjata minn Andrea Vassallo". (11) Il-koppla majestuża ta' San Nikola tas-Siġġiewi u xogħlijiet oħra tar-"Rococo" tal-knisja tal-Ħerba huma wkoll ta' Andrea Vassallo. (12)

**Andrea Vassallo u l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' l-1913**

F'Ħal-Luqa baqagħlna ħjiel żgħir ta' l-id li kellu għad-disinn, fl-armar li jintrama l-pjazza għall-festa ta' Sant'Andrija. Baqa' jissemma l-armar li Vassallo għamel għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913. F'din l-okkażjoni kien membru fil-kumitat esekuttiv u president tas-sotto-kumitat għat-tiżjin tat-toroq.

F'laqgħa ta' l-esekuttiv li saret fit-3 ta' Ottubru 1912, Vassallo ressaq id-disinji kollha mitluba minnu. Il-"Ħabib" ikkummenta hekk fuqhom: "Kulħadd baqa' mistagħġeb mhux biss bl-ideat kbar, ġodda u sbieħ tiegħu, imma bir-reqqa li biha ħaseb għal kollox Vassallo b'disinji li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk kollha li nafu bihom s'issa sejjer ibiddel il-Belt".

Ta' min isemmi l-ark trijonfali mwaqqaf ħdejn Putirjal u t-Tribuna mnejn ingħalal il-Barka Sagramentali. Mons Heylen, li kien president tal-Kumitat Permanenti tal-Kungressi Ewkaristiċi stqarr li f'ebda belt oħra ma sar tiżjin bħal dan għall-Kungressi Ewkaristiċi. Il-Papa Piju X meta sema' kemm stinka, ta lil Vassallo "Is-Salib ta' Kavallier ta' l-Ordni ta' S. Girgor il-Kbir". (13)

**L-Aħħar xogħol ta' l-Arkitett Andrea Vassallo**

Vassallo kien jaf tassew jiddisinja kull stil f'perijodi differenti bl-istess ħeffa. Tnejn mill-aħħar xogħlijiet tiegħu huma fl-"Art Noveau". Dawn huma: Casa Said faċċata tas-Sliema li reċentement ġiet maħtuta, u Villa Rosa f'St. Andrews. L-aħħar xogħol ta' Vassallo hija l-Bażilika ta' stil Romanesk f'Ta' Pinu fejn wieħed jista' jitgħaxxaq bil-ġmiel ta' l-iskultura fil-ġebel qisha bizzilla. (14)

Bħala xempju tal-kapaċità arkitettonika tiegħu nsemmu biss il-ġmiel tal-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu, Għawdex, li hi għaġeb fl-eżattezza tal-proporzjonijiet tas-simetrija, u l-iskultura ġewwa u barra kollox maħluq minnu. (15) Il-pjanta tagħha fuq stil Lombard-Romanesk kienet għall-wiri f'April 1919. Sena wara, fit-30 ta' Mejju 1920, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja. Ma kellux ix-xorti jaraha lesta. Miet fl-isptar tal-Blue Sisters wara operazzjoni fil-21 ta' Jannar, 1928. Jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. (16)

Is-Santwarju Nazzjonali u Monumentali – il-Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu sa jibqa' fis-skiet imdawwar mill-ħdura ta' l-egħlieqi u l-ikħal tas-sema u tal-baħar ikanta l-ġieħ lill-arkitett Andrea Vassallo, Malti-Ħalluqi, u lill-bennej Vitor Vella (t. 1878; m. 1956), miż-Żebbuġ ta' Għawdex.

## RIFERENZI:


(1) Benvenuto Angelo Saggiarato. La Madonna Nel Mondo Con I Più Celebri Santuari Mariani, p. 209.
(2) Arkivju Parroċċa Sant'Andrija Ħal-Luqa. Liber Baptizatorum Vol. V. R. 212.
3. Dun Ġużepp Micallef. Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjietha p. 278.
4. Leonard Mahoney. Architect Andrea Vassallo (1908-1928). Melita Historica Vol. X. p. 226. No. 3.
5. Rob. Mifsud Bonnici. Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali, p. 508.
6. Dun Ġużepp Micallef. Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjietha. p. 280.
7. Ibid. Op. Cit. p. 280.
8. Ibid. Op. Cit. p. 279.
9. Leonard Mahoney. Architect Andrea Vassallo (1908-1928). Melita Historica. Vol. X. p. 226. No. 3.
10. Dun Ġużepp Micallef. Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjietha. p. 280.
11. Leonard Mahoney. Architect Andrea Vassallo (1908-1928). Melita Historica. Vol. X. No. 3. pp. 232. 233.
12. Ibid., Op. Cit. p. 228.
13. Dun Ġużepp Micallef. Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjietha. pp. 280. 281.
14. Leonard Mifsud Bonnici. Architect Andrea Vassallo. (1908-1928). Melita Historica. Vol. X. No. 3. p. 229.
15. Robert Mifsud Bonnici. Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali. p. 508.
16. Dun Ġużepp Micallef. Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjietha. p. 281.
17. Leonard Mahoney. Architect Andrea Vassallo. (1908-1928). Melita Historica. Vol. X. No. 3. p. 229.


## TRID TGĦIN!!!

Jekk inti għandek xi kotba li jistgħu b'xi mod igħinu lil dawk li jkunu jridu jagħmlu użu mill-Bibljoteka Marjana tas-Santwarju u għalik ma humiex ta' siwi, ilna jistgħu jiswewina ħafna jekk tgħinna sabiex nakkwistawhom.

**Dawk li jirregalaw aktar minn 500 ktieb ikollhom riservata għalihom sezzjoni mill-Bibljoteka li tissemma "N.N. Memorial Library".**

Naċċettaw ukoll oġġetti li huma żejda għalik jew tħoss li jistgħu jkunu utli għall-Mużew li għandna l-ħsieb li nwaqqfu fis-Santwarju.



# TAMA U FARAĠ

**Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani**

**minn Dun Ġużepp Cini**

# IL-LIŻAR TAL-FQIR

Għal xemx li ma ssaħħanx, jingħad li l-bard hu aħjar minnha. Jannar, jitfaċċa kull sena quddiemna bix-xemx tiegħu li ftit li xejn nieħdu sħana minnha. Iżda hemm ħaġa sabiħa fix-xemx ta' Jannar. Kull jum li jgħaddi minn fuqha, din titwal ftit iktar fil-ġirja tagħha.

Lix-xemx ta' Jannar, l-antiki kienu jsejħulha l-liżar tal-fqir. Naħseb li ġà fhimtu għaliex hi msejħa hekk. Il-għata tal-fqir ma tkunx ħoxna biex tkennen mill-bard. Il-fqir miskin ma jistax ikollu liżar oħxon jew li jsaħħan. Dan ikollu jitleflef fi tgeżwira li bħax-xemx ta' Jannar ma ssaħħanx.

Dan il-messaġġ tiegħi ma hux indirizzat lill-foqra, iżda lilkom għeżież morda u anzjani. Forsi xi wħud minnkom, barra milli huma morda jew anzjani, forsi huma foqra wkoll, jew inkella biex inkunu eżatti, ma intomx sinjuri. Hi x'inhi l-kundizzjoni materjali tagħkom, jibqa' fatt li intom tistgħu tħossu l-bard f'qalbkom meta fis-soċjetà ssibukom qiskom bħal xemx f'Jannar. Li rrid ngħid hu li intom tistghu tħossukom li ma intom toffru xejn f'din il-ħajja għajr piż għall-oħrajn u dan bi tbatija kbira għalikom.

Xejn la taqtgħu qalbkom. Tinsewx li fl-imgħoddi intom tajtu s-sehem tagħkom. Issa qed tagħtuh ukoll imma b'mod differenti minn qabel. Ħaġa oħra li tajjeb dejjem iżżommu quddiem għajnejkom hija kif il-knisja tħares lejkom. Imdawla mit-tagħlim ta' Ġesù Kristu, il-knisja, tistmagħkom bħala għeżież u meqjusa ndaqs l-oħrajn kollha li huma b'saħħithom, inkella ta' età iktar żagħżugħa. Għalhekk intom quddiem Alla, xejn ma intom meqjusa bħal-LIŻAR TAL-FQIR.

Quddiem is-sena l-ġdida nixtieq ngħaddilkom dan il-messaġġ marbut max-xemx li mhux biss toffri sħana, imma wkoll dawl. Il-messaġġ hu dan:-

Xi ħadd talab lill-għassies tas-sena l-ġdida biex jagħtih ftit dawl biex ikun jista' jara jimxi fit-triq tas-sena li għadha fid-dlam. Il-għassies wieġeb: "Imxi fid-dlam u aqbad id Alla f'idejk. Din tkun għalik dawl wisq aħjar u aktar żgur minn triq li tixtieq taf".

Kun bħal xemx Jannar. Din għall-bidu titfa' dawl u sħana fietla, iżda kuljum iżżid fid-dawl u fis-sħana tagħha.

*Roads to His Heart*

# CONSOLATION OF THE TRUTH

*By Monsignor John Maloney, P.P.*

With the purity and freshness of a limpid stream God's word comes forth from Him. He speaks to us in an eternal present, with a word related to each step of every day. Out of sheer love He has come near to us, and opened our ears to hear and our minds to understand. 'The invisible God out of the abundance of his love speaks to men as friends and lives among them, so that He may invite and take them into fellowship with Himself'. (C. Vat. II, Revelation).

The Divine Word has come to dwell with us so that his word may dwell in our hearts. He came to comfort us with his presence, to enrich us from his treasury of the 'fulness of grace and truth'. The God of all consolation, through his Son, has brought to man the consolation of the truth. Jesus came to give testimony to the truth.

He answered man's deepest yearning for the freedom to reach and love the truth. He opened us a glorious vision of his Father's love through the sublime words that came forth from Him.

Because He was a faithful reflection of his Father's steadfast love, his word never ceased. From the beginning of his public life He opened his mouth to speak, and his blessed words echoed across lake waters, resounded through the valley of the Jordan, fell gently, in the quiet of evening, in the intimacy of many a whispered conversation.

He had compassion on the multitude because they were short of bread; his Heart was moved with compassion because they were deprived of the bread of the word, and the guidance of shepherds who failed to give the light and guidance of the truth.

'Jesus had compassion on them because they were like sheep without a shepherd, and He began to teach them many things'. (Mk 6, 34). It was only after He had given them the bread of his word that He multiplied the loaves for them.

## Preaching Daily

As his life was closing, and so many ears had closed against his words, and it seemed that his message had been rejected, nevertheless, He kept on day after day. 'And He was preaching daily in the temple'. It comes almost as a surprise to us that, within days of his death, almost with his eyes still in tears over the impending fate of Jerusalem. He kept on offering men the word



of life. As surely as He kept on loving He kept on teaching until the end.

Just as He was about to experience the desolation of rejection, He continued to give the consolation of the truth.

The words of Jesus in his final days deserve special attention, for they could be regarded as part of his final testament. They have about them a particular solemnity and pathos, closely woven as they are into the precious tapestry of his Passion and Death.

Like a setting that shows off a priceless gem the dark background of disbelief, hatred, and rejection makes the tenderness and beauty of his words stand out in their full glory.

**In Shadow**

The themes of his preaching during those days bring us a vivid awareness of the thoughts that were closest to his Heart. Across the parable of the vineyard fell the dark shadow of the Cross. In telling the story of the beloved son, hated without cause, and put to death, He was already beginning to suffer the rejection which would wound Him more terribly than the lance.

Here we are almost palpably aware of the throbbing of his Heart as He described an effusion of giving and pleading, through servants sent, and, one after another, rejected and maltreated.

There is the vineyard, symbolising Israel, his people, which He tends and prunes

so that it might bear fruit. As always, there is the prodigality of divine love giving all and patiently waiting for even a little in return. He who gave his whole attention to the cultivation of the vineyard, 'sent a servant to the tenants, that they should give him some of the fruit; but the tenants beat him, and sent him away empty handed'.

Yet, He kept on sending servants, and even though they were set upon He continued sending them, until, as a final bid for acceptance, He sent his beloved son; it may be they will respect him. But when the tenants saw him, they said to themselves, "This is the heir; let us kill him..." and they cast him out of the vineyard and killed him.' Here we come to the inner depth of the sorrow which weighed heavily on his Heart in those last days when He was preparing to take on his shoulders the burden of the Cross.

**Fruit of the Vine**

That parable was the preface to the final chapter of the revelation of his love in which He was to lay open to us sublime truths that would change the whole course of history, and open countless hearts in an effusion of total response of love.

The final moment was approaching when Jesus was to show himself to be the vine; He, the true Israel, planted by his Father, nurtured and pruned with the most tender care; and He would bear fruit, the fruit of the vine, the wine of his Blood in the Eucharistic Sacrifice, the new wine that would give new life, and, to human hearts, new love.

Before we are ready to follow Jesus into the supper room, into the garden, to Calvary, we would do well to keep a close companionship with Him in the days preceeding those great events. It was then that the thoughts of his Heart were becoming ever more manifest, and the inner purpose of his whole mission was being revealed – that He would rescue us from death and feed us in time of famine'. (Ps 33, 19).

The days were filled with an alternation of preaching and praying. 'Every day he was preaching in the temple, but at night he went out and lodged on the mount called Olivet'.

**The Two Tables**

We might consider his words in that final period of his public life as a kind of liturgy of the Word, preparing us for the solemn liturgy of the Last Supper and the Cross. Before we are worthy to sit down with Him at the table of the Eucharist we must have sat with Him at the table of his Word. St. Augustine described Mary of Bethany as 'gathering up crumbs from the table of the Lord's word'.

As we have followed Him through his public ministry we have tried to capture something of her calm resting at the Master's feet, something of the serene stillness of his Mother as she pondered his word, gathering up those precious crumbs from his table.

As we have been travelling many roads with Him we have found his words opening up to us ever new vistas of his love. The Incarnate Word whom we have seen with out eyes and touched with our hands has touched us with his word, planting that word in the very depths of our hearts. 'The word is near you, on your lips, and in your heart'. (Rom. 10, 8). And now as we stand on the threshold of his Sacred Passion, we are ready for the last stage of our journey to his Heart.

As the waves of the sea are lost in the depths of the ocean, so we are drawn into the ocean of his boundless love. Drawn to Him as He is lifted up on the Cross we shall have no further need of words, but, only, in a blessed silence, to abide in his love.

# DEVOZZJONI, SUPERSTIZZJONI JEW SEHER??!!

Hija ħaġa minn awl id-dinja li l-bniedem irid jivvinta mod jew ieħor kif jista' jiżżejjen u jissebbaħ. Din hija drawwa mhux tan-nisa biss imma ta' l-irġiel ukoll. Anke t-tfal, sa minn ċkunithom, ifittxu dejjem li jsibu xi ħaġa biex jiżżejnu biha. Ħaġa ta' l-għaġeb ukoll li dawn, għax għad ma għandhomx is-sens ta' l-estetika tas-sbuħija – tarahom ifittxu li jilbsu ta' xi ħadd sabiħ, kbir, setgħani, saħansitra anke jaslu biex jilbsu ta' diversi annimali, imma dejjem ċerti annimali ta' saħħa u qawwa bħal xi ljun, xi tigra, xi iljunfant u bosta oħrajn. Ftit tarahom jilbsu ta' annimali li huma biżżiegħa jew żgħar bħal ngħidu aħna xi fenek, xi qattus jew xi ħuta żgħira. Din hija ħaġa li ġejja min-natura tal-bniedem innifsu, tant li anke fl-ewwel żminijiet tal-ħajja tal-bniedem fuq wiċċ din l-art, dejjem insibu ħafna fdalijiet li bihom kienu jiżżejnu n-nies ta' dik l-epoka u ta' dik l-età.

Kull meta jkun hemm xi tiftix fl-art (skavi) dawk li jkunu jħaffru stess igħidulek li l-ewwel ħaġa li jsibu fil-qabar tal-mejtin, dejjem tkun xi ħaġa li biha jsebbħu jew sebbħuhom qabel ma poġġewhom fil-qabar. Hekk magħmul il-bniedem, dejjem jiġbed għal dak li jsebbħu, għal dak li jżejnu.

**Il-Poplu Lhudi**

Anke l-Poplu Lhudi, dak il-ġens li Alla kien għażel għalih, ukoll kien juża ħafna oġġetti li bihom jew isebbaħ il-persuna tiegħu jew tagħha jew biex ikollu xi għelm ta' ħelsien. Għad li dan kien il-Poplu t'Alla, però mhux l-ewwel darba li nsibu fost dan il-poplu sinjali tassew ċari li kważi jwasslu għal dawk il-ħrejjef li ssemmi l-mitoloġija. Hekk insibu li fost dan il-ġens, ma kienx biżżejjed it-tagħlim li kienu jagħtuh il-profeti minn żmien għal żmien, imma, li biex ikabbru s-sbuħija f'qalbhom ta' dan it-tagħlim, huma kienu vvintaw ċerti kaxxi żgħar li fihom kienu jqegħdu biċċiet żgħar jew siltiet minn dawk il-Kotba Mqaddsa biex fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, ikunu iktar jistgħu jaħsbu u jirriflettu fuq dak li jkunu semgħu fil-laqgħat li kienu jsirulhom fis-Sinagogi tagħhom.

L-istess amar t'Alla kien jesiġi dawn it-tifkiriet meta fil-Ktieb tad-Dewteronomju stess insibu silta tassew ċara u mpenjattiva fejn Alla stess qal lil Iżrael: "Żomm f'qalbek dawn it-twissijiet...għallimhom lil uliedek u kellimhom fuqhom, sew meta tkun f'darek sew meta timxi barra fit-triq, sew meta tkun se timtedd u sew meta tqum". Minn din is-silta nistgħu naraw kemm kienet impenjattiva l-kelma t'Alla u kemm kien hemm bżonn ta' attenzjoni għaliha. Għalhekk maż-żmien tfaċċaw il-Filateli li kienu jiġu marbuta jew ma' idhom ix-xellugija, speċjalment waqt it-talb, jew kienu jitqiegħdu fuq moħħhom f'kaxxi żgħar tal-ġild.

**Mal-medda taż-żmien**

Meta waslet il-milja taż-żminijiet li fiha Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn mara, allura l-kelma t'Alla saret iktar ħajja. Kristu waqqaf tagħlim iktar ipperfezzjonat minn dak li kienu jagħtu, minn żmien għal żmien il-profeti. Għallem il-verità u wissa bis-sħiħ biex in-nies joqogħdu attenti mill-inganni tax-xitan. Anke Huwa stess, ħafna drabi waqt li kien jagħmel il-mirakli, kien juża xi elementi, li msaħħin mill-fidi tal-marid, kienu jagħtu s-saħħa jew fejqan.

Eżempju l-iktar ċar huwa meta Huwa stess uża l-bżieq flimkien mat-tajn ta' l-art

**WERREJ GENERALI**
**TAR-RIVISTA "MADONNA TA' PINU"**
**Volum III, Sena IX - XII**
**Jannar-Frar 1988 (nru. 38) – Novembru-Diċembru 1991 (nru. 60) pp. 1-656**
**Awturi b'ordni alfabetiku – Kitbiet b'ordni kronoloġiku**
***Miġbur minn Ġwann Azzopardi, S.J.***

A.C.M. "Ħsibijiet Marjani",
Novembru-Diċembru 1989 (49), p. 320-1.
"Talbiet lill-Madonna ta' Qaddisin u Nies kbar Magħrufa" – miġbura u miġjuba għall-Malti minn:
"(1) Talba ta' Abbe Michel Quoist",
Jannar-Frar 1991 (55), pp. 506-8;
"(2) Talba ta' S. Luigi Maria di Montfort (1716)",
Marzu-April 1991 (56), p. 534;
"(3) Talba ta' S. Anselmu ta' Canterbury (1033-1109)",
Mejju-Ġunju 1991 (57), p. 561;
"(4) Talba ta' Ernest Psichari",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 594;
"(5) Talba ta' Charles Peguy (Poeta kbir Franċiż)",
Settembru-Ottubru 1991 (59), pp. 612-13;
"(6) Talba ta' Enrico Medi (Xjenzat kbir Taljan)",
Novembru-Diċembru 1991 (60), p. 636.
ADAMEC, Joseph, "Mary: Patroness of Widows",
Marzu-April 1988, (39), pp. 52-3.
ADKINS, Ronald, "Little Boy Lost",
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 315-16.
ANONIMU, "The Famous Stairway"
Jannar-Frar 1989 (44), pp. 180, 196.
Prayer Group "Madonna Ta' Pinu":
"Dawl u Forza mill-'Assunta' f'Ta' Pinu",
Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 452.
"Abigajl-Marija",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 408-9.
"Off to the Christening",
Marzu-April 1991 (56), pp. 526-8.
" 'Leħen mill-Kwadru' – Il-Ġrajja ta' Karmni Grima Miġbura f'Film",
Mejju Ġunju 1991 (57), pp. 556 7
"Mary Our Hope",
Lulju-Awissu 1991 (58), pp 582-3
"Dedication to the Holy Family: Christ Brings Family Happiness",
Novembru-Diċembru 1991 (60), pp. 634-5.
ATTARD, George, "50 sena mill-Martirju ta' S. Massimiljanu Marija Kolbe. Devot kbir tal-Madonna",
Novembru-Diċembru 1991(60), pp. 642-4.
ATTARD, Mikiel, "Il-Kariżma tal-Ġrajja Ta' Pinu",
Lulju-Awissu 1988 (41), pp. 103-4;
Settembru-Ottubru 1988 (422), pp. 121-2.
AXIAQ, William, "Il-Madonna kienet Tgħidu r-Rużarju?"
Jannar-Frar 1988 (38), pp. 14-16.

"Il-Bluha tar-Rużarju",
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 126-8.
"Marjani jew Taparsi hekk?",
Marzu-April 1989 (45), pp. 210-13.
"Kors ta' Tagħlim dwar il-Madonna:
(1) Il-Verġni li Taf Tisma',"
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 257-8;
"(2) Marija: Il-Qaddejja Umli tal-Mulej",
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 290-2;
"(3) Marija Verġni Sieħba ma' Kristu fil-Misteru tal-Fidwa",
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 313-14.
BEZZINA, Joe, "L-Ewwel Viżta Pastorali fil-Kappella Ta' Pinu wara li Tkellmet il-Madonna",
Mejju-Ġunju 1988 (40), pp. 70-2.
"Jum fis-Santwarju Ta' Pinu Mit sena ilu",
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 229-30, 245.
BONELLO, M. Ġustina, "Ma' Marija fil-Misteri tal-Ferħ",
**ibidem,** pp. 238-43.
"Qaddisa Devota tal-Madonna: S. Franġiska Rumana (1384-1440)",
Jannar-Frar 1991 (55), pp. 493-5.
BORG, Austin, "Kommemorazzjoni f'Ġieh il-Madonna Ta' Pinu f'Melbourne, l-Awstralja",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 405-6;
"Kelmtejn ta' Ringrazzjament minn Sam Apap, Emigrant mill-Għarb fl-Awstralja",
Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 453.
BORG, Karm, "Il-Madonna fil-Liturġija ta' l-Avvent u ta' Żmien il-Milied",
Novembru-Diċembru 1988 (43), pp. 161-3.
BORG, Salv (trad.); "Il-Papa u l-Madonna:
(1) Ibqa' magħna, Marija",
Jannar-Frar 1990 (50), p. 341;
"(2) Wara l-Udjenza Ġenerali l-Papa Jkellem lill-Pollakki fit-Tifkira tal-Verġni Addolorata",
Marzu-April 1990 (51), p. 373;
"Marija: Omm il-Foqra",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), p. 418;
"Tota Pulchra Es Maria",
Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 450;
"Nafdawlek f'Idejk il-Ġejjieni",
Novembru-Diċembru 1990 (54), p. 468.
BUHAGIAR, Gerard, "Marija flimkien mal-Knisja Xandara ta' l-Opri ta' Alla",
Marzu-April 1991 (56), pp. 535-8.
CAMILLA, Sr., "A Woman without Compare",
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 130 2.
CAMILLERI, Bonaventura M., "Il-Mara tat-Tnax il-Kewkba: Marija: Il-Verġni Mqaddsa",
Jannar-Frar 1988, (38), pp. 20-3;
"Marija: Il-Medjatriċi",
Mejju-Ġunju 1988 (40), pp. 75-8;
"Ir-Rebbieħa",
Novembru-Diċembru 1988 (43), pp. 147-9.
"It-Tifsira tal-Milied",
**ibidem,** pp. 154-6.
"Ġużeppi: Ir-Raġel ta' Marija",
Marzu-April 1989 (45), pp. 201-4.
"L-Assunta fil-Magnificat",
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 266-7.

"Il-Maternità Divina ta' Marija Verġni fil-Misteru tal-Milied",
Novembru-Diċembru 1990 (54), pp. 474-5.
"Marija Verġni fid-Dawl ta' Kristu Rxoxt",
Marzu-April 1991 (56), pp. 530-3.
"Marija Verġni fid-Dawl ta' Għid il-Ħamsin",
Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 558-60.
"Ngħidu flimkien ir-Rużarju",
Settembru-Ottubru 1991 (59), pp. 614-15.

CARUANA, Charles, "Kelmtejn minn Segretarju ta' 'Our Lady of Ta' Pinu Association', Melbourne",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 588-9.

CAUCHI, Isqof Nikol Ġ., "Diskors ta' Merħba lill-Qdusija Tiegħu l-Papa",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 400-1.
"It-Tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Omelija f'Ta' Pinu (26-5-1990)",
**ibidem**, pp. 402-4.
"Il-Madonna Ta' Pinu fl-Awstralja: Messaġġ",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 586.
"Innoloġija Marjana"
(18) Il-Madonna fil-Poeżija Franċiża",
Jannar-Frar 1988 (38), pp. 2-5;
"(19) Il-Madonna fil-Poeżija Spanjola",
Marzu-April 1988 (39), pp. 30-3;
"(20) Il-Madonna fil-Poeżija Polakka",
Mejju-Ġunju 1988 (40), pp. 58-62;
"(21) Il-Poeżija Taljana",
Lulju-Awissu 1988 (40), pp. 86-9;
"(22a) Il-Madonna fil-Poeżija Maltija sa Tmiem is-Sekla Dsatax",
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 114-16, 119;
"(22a) Tliet Bennejja tal-Poeżija Maltija",
Novembru-Diċembru 1988 (43), pp. 142-6;
"(23) Poeżija Maltija Kontemporanja",
Jannar-Frar 1989 (44), pp. 170-2. (tmiem)
"Il-Marjoloġija fil-Medju Evu:
(1) Il-Bidu tat-Teoloġija Skolastika",
Marzu-April 1989 (45), pp. 198-200;
"(2) Il-Marjoloġija tas-Seklu XIII",
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 226-7, 243;
"(3) Id-Dekadiment tal-Marjoloġija",
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 254-6;
"(4) Il-Marjoloġija fis-Seklu Sbatax",
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 282-4;
"Il-Marjoloġija fl Imgħoddi u Llum":
"(5) Is-Seklu tal-Korredenzjoni",
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 310-12;
"(6) Żewġ Marjoloġiji tas-Seklu Tmintax",
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 338-40;
"(7) Is-Seklu ta' l-Immakulata",
Marzu-April 1990 (51), pp. 366-8, 376;
"(8) Żvilupp tal-Marjoloġija fis-Sekli XIX u XX",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 394-6;
"(10) Il-Konċilju u l-Post Konċilju",
Novembru-Diċembru 1990 (54), pp. 462-5. (tmiem).

"Fl-Iskola tal-Verġni Mqaddsa (Meditazzjonijiet dwar il-Kobor u l-Qdusija tal-Madonna)",
Jannar-Frar 1991 (55), pp. 490-2;
Marzu-April 1991 (56), pp. 518-20;
Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 546-8;
Lulju-Awissu 1991 (58) pp. 574-6;
Settembru-Ottubru 1991 (59) pp. 602-5;
Novembru-Diċembru 1991 (60) pp. 630-2.
MERCIECA, Arċisqof Ġużeppi, "Messaġġi fl-Okkażjoni ta' Għeluq l-10 Snin tar-Rivista 'Madonna Ta' Pinu',"
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 350-1.
CINI, Ġużepp, "Tama u Faraġ. Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani:
Quddiem il-Kalendarju Ġdid",
Jannar-Frar 1988 (38), p. 13;
"Ejja Mmorru ma' Marija",
Marzu-April 1988 (39), p. 47;
"Semmagħli Leħnek, Urini Wiċċek",
Mejju-Ġunju 1988 (40), p. 74;
"Tama u Qawwa",
Lulju-Awissu 1988 (41), p. 100;
"Żmien li Tiżra' u Żmien li Taħsad",
Settembru-Ottubru 1988 (42), p. 120;
"L-Istrina tal-Ħbieb",
Novembru-Diċembru 1988 (43), p. 160;
"Tbiddel Quddiem dak li ma Jistax Jinbidel",
Jannar-Frar 1989 (44), p. 188;
"Id-Domna u s-Salib",
Marzu-April 1989 (45), p. 214;
Is-Sehem tagħkom fil-Knisja",
Mejju-Ġunju 1989 (46) p. 246;
"Duwa Qadima –Feriti Ġodda",
Lulju-Awissu 1989 (47), p. 270;
"Intom u l-Knisja tal-Post",
Settembru-Ottubru 1989 (48), p. 293;
"La Tħarisx mit-Tromba bil-Maqlub",
Novembru-Diċembru 1989 (49), p. 329;
"Għaxra u Għaxra jagħmlu wieħed",
Jannar-Frar 1990 (50), p. 355;
"Tliet Pari Widnejn",
Marzu-April 1990 (51), p. 387,
"Aħna hawn u l-Papa Ruma",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 420-1;
"Bernard ta' Disa' Mitt Sena llu",
Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 454;
"Santa Claus ser Iġibli Bajsikil",
Novembru-Diċembru 1990 (54), p. 476;
"Dak li Jinbidel, Jien, Dak li ma Jinbidilx",
Jannar-Frar 1991 (55), p. 499;
"Id-Duluri li ma Batietx bizzejjed",
Marzu-April 1991 (56), p. 529;
"Induru dawra ma' Min Idur bina",
Mejju-Ġunju 1991 (57), p. 564;

"Kien Jismu Inigo",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 590;
"Fit-Tlieta u Għoxrin ta' Tlieta u Għoxrin sena Ilu",
Settembru-Ottubru 1991 (59), p. 621;
"Niċċelebraw ix-Xampanja bix-Xampanja",
Novembru-Diċembru 1991 (60), p. 639.

COSTELLOE, C.C., Morgan, "Why not Divorce?",
Jannar-Frar 1991 (55), p. 502-3;
"Moving Home",
Settembru-Ottubru 1991 (59), p. 620.

CURMI, Albert, "Il-Pellegrinaġġi Xhieda ta' Reliġjożità Ħajja",
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 342-6;
Marzu-April 1990 (51), pp. 378-82.

DE STAERCKE, A.,
BONELLO, M. Ġustina (trad.), "Il-Madonna tat-Tama",
Lulju-Awissu 1988 (41), pp. 106-7.

DUFF, Frank,
FORMOSA, Josephine (trad.), "Iċ-Ċenaklu",
Jannar-Frar 1989 (44), pp. 182-7.
"L-Eva l-Ġdida",
Settembru-Ottubru 1990 (53), pp. 446-9;
"2. L-Iżvilupp tat-Devozzjoni",
Novembru-Dicembru 1990 (54), pp. 477-80.

FARRUGIA, Anton, "Tfal Tħobbuha lill-Madonna?",
Jannar-Frar 1988 (38), p. 18;
Marzu-April 1988 (39), p. 48;
Mejju-Ġunju 1988 (40), p. 73;
Lulju-Awissu 1988 (41) p. 105;
Settembru-Ottubru 1988 (42), p. 133;
Novembru-Diċembru 1988 (43), p. 157;
Jannar-Frar 1989 (44), p. 181;
Marzu-April 1989 (45), p. 208;
"Tixbiha li Tgħodd għat-Tfal u ż-Żgħażagħ",
Mejju-Ġunju 1989 (46), p. 232;
Lulju-Awissu 1989 (47), p. 259;
Settembru-Ottubru 1989 (48), p. 303;
"Mistħija fl-Għemil ta' Devozzjonijiet fil-Pubbliku",
Novembru-Diċembru 1989 (49), p. 330;
"Profezija tal-Madonna ta' Fatima Bdiet Isseħħ",
Jannar-Frar 1990 (50), p. 358;
"Itolbu, Itolbu ħafna għall-Papa",
Marzu-April 1990 (51), p. 372;
"Ħallu t-Tfal iż-Żgħar Jiġu Għandi",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 410-11;
"It-Talba tar-Rużarju",
Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 442;
"Il-Kuruna ta' l-Avvent",
Novembru-Diċembru 1990 (54), p. 481;
"Tron ta' l-Għerf",
Jannar-Frar 1991 (55), p. 497;
"Jien Nagħlaq il-bieb u Hi Tiftaħ it-tieqa",
Marzu-April 1991 (56), p. 540;

"Il-Madonna bħala Patruna speċjali",
Mejju-Ġunju 1991 (57), p. 553;
"15 ta' Awissu: Festa ta' l-Assunta",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 593;
" 'Tracking Spiritwali'."
Settembru-Ottubru 1991 (59), p. 610;
"Dawk it-Tliet Avemarijiet",
Novembru-Diċembru 1991 (60), p. 641.

FLASK, Joe, "Ego Sum Mater Ecclesiae, Filiae Diligite me",
Novembru-Diċembru 1990 (54), pp. 466-7.

GALLACHER, John, "The God we Believe in",
Settembru-Ottubru 1990 (53), pp. 440-1.

GILMORE, Annette, "Peace Be with You",
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 353-4.

GRECH, Mario, "Il-Papa f'Malta u Għawdex. Fejn Mar...x'Qalilna",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 412-17.

GRECH-CREMONA, Ġużepp, "La Vasina, is-Santwarju Ewlieni ta' Korsika",
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 247-8.
"Is-Santwarju tal-Madonna 'dell'Arco',"
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 273, 272.
"Is-Santwarju tal-Madonna 'tal-Bir', ġewwa Ruma",
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 327-8.
"Is-Santwarju ta' La Salette",
Marzu-April 1990 (51), p. 385.
"Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mirakli ta' Orleans",
Marzu-April 1991 (56), pp. 521-2.

GRIMA, Salv, "Inħossuna qrib Marija – 2: Omm il-Knisja",
Jannar-Frar 1988 (38), p. 17;
"3: Marija u l-Ewkaristija",
Marzu-April 1988 (39), pp. 49-50.
"Agħmlu dak li Jgħidilkom Hu",
(1) Jannar Frar 1989 (44), pp. 173-4;
"(2) La Tinkorlax għal Ħuk",
Marzu-April 1989 (45), pp. 215-16;
"(3) La Twebbisx Qalbek",
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 244-5;
"(4) Ħobbu lill-Egħdewwa tagħkom",
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 268-9;
"(5) Biex mill-Aħħar Niġu l-Ewwel",
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 288-9;
"(6) Imħabba li Ġġib il-Firda",
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 318-19.
"Ħlawn hi l-Qaddejja tal-Mulej:
(1) Sa minn Ċkunitha",
Jannar-Frar 1991 (55), p. 504;
"(2) Bdiet iż-Żgħożija",
Marzu-April 1991 (56), p. 539;
"(3) Qalb waħda m'Alla u bejniethom",
Mejju-Ġunju 1991 (57), p. 549;
"(4) Familja fi Prova",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 595;
"(5) Ħsiebha fik, fija, fina lkoll",

Settembru-Ottubru 1991 (59), p. 606;
"(6) Qalb waħda mal-Knisja",
Novembru-Diċembru 1991 (60), p. 650.
ĠWANNI PAWLI II, "Pope Addresses Rectors of Marian Shrines: Pilgrimages to Marian Sanctuaries must Lead to Radical Renewal of Life",
Marzu-April 1988 (39), pp. 36-7.
"Omelija tal-Papa f'Ta' Pinu nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, 1990",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 397-99.
"It-Talba tal-Papa għall-Paċi",
Jannar-Frar 1991 (55), p. 496.
J.C. Novelli: "Id-Dawl tat-Tama",
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 299-302.
"Nirien ħdejn Ta' Pinu",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 422-6.
"Għall-Kenn tat-Tliet Għoljiet",
Lulju-Awissu 1991 (58), pp. 577-81.
KIRWIN, George, "Do Marian Apparitions Fulfill a Spiritual Need?",
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 294-8.
LEONARD, Paul, "I can't Think of anything to Give...",
Novembru-Diċembru 1988 (43), p. 159.
MALONEY, John, "The Mother who Cares: Mary the Mother of the Family",
Settembru-Ottubru 1991 (59), pp. 607-9.
MAUBILLE, R.,
BONELLO, M. Ġustina, (trad.), "Dik li Tilqa' l-Bxara t-tajba",
Marzu-April 1988 (39), pp. 42-5.
McMILLAN, James, "He Sent Us his own Son",
Novembru-Diċembru 1988 (43), pp. 152-3.
MEJLAK, Joe, "Ma' Marija fiż-Żgħożija",
Jannar-Frar 1988 (38), p. 19;
Marzu-April 1988 (39), p. 46;
Mejju-Ġunju 1988 (40), p. 64;
Lulju-Awissu 1988 (41), p. 102;
Settembru-Ottubru 1988 (42), p. 129;
"Bonġu, Marija",
Novembru-Diċembru 1988 (43), p. 158.
"Tatiana Goritcheva u l-Madonna",
Jannar-Frar 1989 (44), p. 175;
"Gymnasium ta' Talb għaż-Żgħażagħ f'Ta' Pinu",
Marzu-April 1989 (45), p. 209;
Mejju-Ġunju 1989 (46), p. 233;
"L-Immoralità",
Lulju-Awissu 1989 (47), p. 260;
"Il-Vjolenza",
Settembru-Ottubru 1989 (48), p. 285;
"Futur Isbaħ",
Novembru-Diċembru 1989 (49), p. 317;
Jannar-Frar 1990 (50), p. 352;
"Ġesù Mar Jara l-Football",
Marzu-April 1990 (51), p. 384;
"Il-Papa maż-Żgħażagħ",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), p. 419;
"Veru li m'Hemm xejn ħażin?",

Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 451.
"Il-Ferħ tal-Milied",
Novembru-Diċembru 1990 (54), p. 473;
"Ma Nafux fejn Sejrin",
Jannar-Frar 1991 (55), p. 505;
"Irbaħ l-Egoiżmu tiegħek",
Marzu-April 1991 (56), p. 525;
"Ir-Rużarju tiegħi",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 585;
Settembru-Ottubru 1991 (59), p. 611;
"Lech Walesa Jiftaħ Qalbu mal-Madonna",
Novembru-Diċembru 1991 (60), p. 633.
MERCIECA, George, "S. Ġwann Bosco u l-Madonna",
Jannar-Frar 1988 (38), p. 6.
MOLONEY, John, "Sunlight through Tears",
Marzu-April 1990 (51), pp. 374-6.
"The Mother who cares: The Heart of Mary",
Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 565-7.
MONK, Joseph, "The Queen of Eastern Christian Hearts",
Lulju-Awissu 1991 (58), pp. 591-2.
O'LOUGHLIN, Thomas, "Blessed Is She",
Jannar-Frar 1989 (44), pp. 189-90.
"The New Eve",
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 236-7.
"Mary & Life's Problems",
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 261-2;
"Mary & the Law of Israel",
**Ibidem**, pp. 264-5.
PRCELA, John, "St. Joseph in the Mystery of Christmas",
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 322-6.
PUCHEK, Bruce, "Overshadowed by the Holy Spirit",
Marzu-April 1989 (45), pp. 217-18.
REFALO RAPA, Ġiljan, "Rimedju għal Esperjenza Qarsa",
Lulju-Awissu 1988 (41), p. 96.
"L-Erbgħat tal-Madonna ta' Pinu",
Lulju-Awissu 1989 (47), p. 256.
SCHEMBRI, A., "Il-Madonna Ta' Pinu fi Prato l-Italja",
Jannar-Frar 1989 (44), pp. 178-9.
"Il-Madonna Ta' Pinu fl-Italja",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), p. 427.
"Il-Madonna Ta' Pinu...issa ġo Firenze",
Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 562-3.
SCIBERRAS, Lawrenz, "Ħva u Ave",
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 347-9.
"Anna-Marija: Ommijiet il-Wiegħda",
Marzu-April 1990 (51), pp. 369-71.
"L-Omm tal-Makkabin. Qlubija bla Tarf",
Settembru-Ottubru 1990 (53), pp. 437-9.
"Ester",
Novembru-Diċembru 1990 (54), pp. 471-2.
SCICLUNA, Carmelo "Tislima lill-Verġni Marija fl-okkażjoni tas-Sena Marjana 1987-1988":
Marzu-April 1988 (39), p. 53;

Mejju-Ġunju 1988 (40), p. 79;
Lulju-Awissu 1988 (41), p. 108.
"Santwarji Marjani f'Għawdex":
(6) Il-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja",
Jannar-Frar 1988 (38), pp. 11-12;
"(7) Il-Knisja tar-Rużarju ta' Pompej",
Marzu-April 1988 (39), pp. 34-5;
"(8) Il-Knisja tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù",
Mejju-Ġunju 1988 (40), pp. 63, 81;
"(9) Il-Kolleġġjata ta' l-Għarb",
Lulju-Awissu 1988 (41), pp. 94-5;
"(10) Il-Knisja tal-Viżitazzjoni jew taż-Żejt",
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 124-5;
"(11) Is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu",
Novembru-Diċembru 1988 (43), p. 151;
"(12) Il-Kolleġġjata Bażilika tat-Twelid tal-Madonna",
Jannar-Frar 1989 (44), pp. 176-7;
"(13) Il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena",
Marzu-April 1989 (45), p. 205;
"(14) Il-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ",
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 234-5;
"(15) Is-Santwarji Marjani f'Għajnsielem",
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 286-7;
"(16) Il-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes",
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 359-60;
"(17) Il-Knisja tal-Ħarba tal-Madonna fl-Eġittu f'Kemmuna",
Marzu-April 1990 (51), p. 386;
"(18) Is-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala",
Novembru-Diċembru 1990 (54), pp. 469-70;
"(19) Il-Knisja tal-Kunċizzjoni tal-Blat",
Jannar-Frar 1991 (55), p. 498;
"(20) Il-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors",
Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 554-5;
"(21) Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi",
Novembru-Diċembru 1991 (60), pp. 637-8.

SIMONART, J.,
BONELLO, Ġustina (trad.), "Xejn la Tibża' tieħu lil Marija b'Martek",
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 134-5.

STAMBAUGH, Elizabeth B., "Coming Home. A Lost Sheep Finds the Open Gate",
Marzu-April 1989 (45), pp. 206-7.

VELLA APAP, Nikol, "It-Twelid tal-Madonna fil Liturġija",
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 117-19.
"S. Bernard ta' Chiaravalle (1090-1990)",
Settembru-Ottubru 1990 (53), pp. 443-5.
"Il-Kardinal Alessio M. Lepicier O.S.M. (1863-1936)",
Jannar-Frar 1991 (55), pp. 509-10.
"Il-Bidu u l-Ewwel Żvilupp tal-Kult Liturġiku lill-Madonna fil-Lvant u fil-Punent minn żmien l-Appostli sal-Konċilju ta' Efesu (431)":
(1) Marzu-April 1991 (56), pp. 523-4;
"Mill-Konċilju ta' Efesu sa l-Epoka Karolina",
(2) Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 550-2.
"Il-Madonna fil-Liturġija tal-Punent miż-Żmien tan-Nofs sa Żmienna: Iż-Żmien tan-Nofs",

Settembru-Ottubru 1991 (59), pp. 616-19.
"Il-Madonna fil-Liturġija Orjentali mis-Seklu V u Wara",
Novembru-Diċembru 1991 (60), pp. 645-9.
WEIGI, A.M.,
PERTSCH, Anna C. (trad.), "The Scapular that Saved two Lives",
Lulju-Awissu 1988 (41), p. 101.
WYSZYNSKY, Kardinal, "Dwar Marija",
Marzu-April 1990 (51), p. 377.
XUEREB, Carmelo, "Marija Assunta – Garanzija ta' Ftehim u Għaqda bejn il-Bnedmin",
Lulju-Awissu 1988 (41), pp. 98-99, 104.
ZAMMIT, Amadeo J., "Il-Qima lejn il-Madonna tal-Karmnu",
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 271, 274.
ZAMMIT, Clemente, "Diskors mill-Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Victoria fl-Okkażjoni tal-Kommemorazzjoni f'Ġieh il-Madonna Ta' Pinu, 17-6-1990",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 406-7;
"Indirizz nhar il-Festa f'Melbourne f'Ġieħ il-Madonna Ta' Pinu",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 587.

---

"Ittri lill-Editur",
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 356-7.

---

POEŻIJI
BORG, Salv, "Omm tiegħi, Tama tiegħi: It-Talb",
Jannar-Frar 1988 (38), pp. 7-10;
"L-Ubbidjenza",
Marzu-April 1988 (39), pp. 38-41, 50;
"(7) Il-Moda",
Mejju-Ġunju 1988 (40), pp. 65-9;
"(8) Il-Festi",
Lulju-Awissu 1988 (41), pp. 90-3, 95.
BONELLO, M. Ġustina, "Ħarba fl-Eġittu u Qtil ta' l-Innoċenti",
Jannar-Frar 1988 (38), p. 12.
MERCIECA, George, "Ave, Maria, Omm il-Grazzja t'Alla",
Marzu-April 1988 (39), p. 51.
CAUCHI, Carmel G., " 'Mma xejn ma Jisboq Ġmielek",
Lulju-Awissu 1988 (41), p. 97.
CREMONA, John, "Sultana tal-Ħolqien",
Settembru-Ottubru 1988 (42), p. 123.
MASSA, Alfred, "Fis-Santwarju Ta' Pinu...Ħsibijiet",
Novembru Diċembru 1988 (43), p. 150.
SCHUMACHER, Alberta, "Measure of Mary",
**Ibidem,** p. 153.
MEJLAK, Joe, "Regina Pacis", Jannar-Frar 1989 (44), p. 191.
CUSCHIERI, A., "Xbieha żgħira tal-Madonna li Għandi f'Kamarti",
Marzu-April 1989 (45), p. 200.
BIANCHI, Carmel, "Il-Madonna Ta' Pinu Ġawhra fi Qlubna",
**Ibidem,** p. 219.
VELLA, Wiġi, "Sejħa: 22-6-1888 – 22-6-1988",
Mejju-Ġunju 1989 (46), p. 231.
BUONTEMPO, Amante, "Lil Franġisku tal-Għarb",
**Ibidem,** p. 248.
MERCIECA, M.A., "Quddiem ix-Xbieha tal-Madonna Ta' Pinu",

Lulju-Awissu 1989 (47), p. 263.
MERCIECA, George, "L-'Ave Marija' tal-Bażilika Ta' Pinu",
**ibidem,** p. 272;
"Tislima lill-Madonna Ta' Pinu",
Settembru-Ottubru 1989 (48), p. 284.
BONELLO, M. Ġustina, "Marija fit-Tieġ ta' Kana",
**ibidem,** p. 292;
"Il Virtujiet ta' Marija li l Knisja għandha Timita",
Novembru-Diċembru 1989 (49), p. 312.
CAMILLERI, Bonaventura M., "Tislima lill-Immakulata",
**ibidem,** p. 328.
BIANCHI, Carmel, "F'Jum il-Ġimgħa l-Kbira – Ħsibijiet",
Marzu-April 1990 (51), p. 383.
SIRO, Efrem, "Sliem Għalik Marija",
**ibidem,** p. 389.
VELLA APAP, Nikol, "Lil Marija Assunta",
Mejju-Awissu 1990 (52-53), p. 417.
MERCIECA, M.A., "Tiftakar Madonna Ta' Pinu...",
Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 449.
BIANCHI, Carmel, "Imdawlin b'Miġjietek",
Novembru-Diċembru 1990 (54), p. 484.
VASSALLO, Carmel J., "Lil Franġisku X. Mercieca ta' l-Għarb, Tmintax-il sena wara mewtu",
Jannar-Frar 1991 (55), pp. 500-1.
BIANCHI, Carmel, "F'Jum id-Duluri",
Marzu-April 1991 (56), p. 533.
ROTIN, Tony, "Għalik Ta' Pinu",
Lulju-Awissu 1991 (58), p. 584.
RAPA, nèe GAUCI, Melita, "To Our Lady of Ta' Pinu",
**ibidem,** p. 597.
CARABOTT, Lorenza, "Għalik...Ommi Marija",
Novembru-Diċembru 1991 (60), p. 640.

---

CAMILLERI, Beneditt, "Il-Kelma tar-Rettur",
Jannar-Frar 1988 (38), p. 1;
Marzu-April 1988 (39), p. 29;
Mejju-Ġunju 1988 (40), p. 57;
Lulju-Awissu 1988 (41), p. 85;
Settembru-Ottubru 1988 (42), p. 113;
Novembru-Diċembru 1988 (43), p. 141;
Jannar-Frar 1989 (44), p. 169;
Marzu-April 1989 (45), p 197;
Mejju-Ġunju 1989 (46), p. 225;
Lulju-Awissu 1989 (47), p. 253;
Settembru-Ottubru 1989 (48), p. 281;
Novembru-Diċembru 1989 (49), p. 309;
Jannar-Frar 1990 (50), p. 337;
Marzu-April 1990 (51), p. 365;
Mejju-Awissu 1990 (52-53), p. 393;
Settembru-Ottubru 1990 (53), p. 433;
Novembru-Dicembru 1990 (54), p. 461;
Jannar-Frar 1991 (55), p. 489;
Marzu-April 1991 (56), p. 517;
Mejju-Ġunju 1991 (57), p. 545;

Lulju-Awissu 1991 (58), p. 573;
Settembru-Ottubru 1991 (59), p. 601;
Novembru-Diċembru 1991 (60), p. 629.

BORG, Karm, "Mill-Ħajja tas-Santwarju",
Jannar-Frar 1988 (38), pp. 24-5;
Marzu-April 1988 (39), p. 54;
Mejju-Ġunju 1988 (40), pp. 80-1;
Lulju-Awissu 1988 (41), pp. 109-10;
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 136-7;
Novembru-Diċembru 1988 (43), pp. 164-5;
Jannar-Frar 1989 (44), p. 192;
Marzu-April 1989 (45), pp. 220-1;
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 249-50;
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 275-7;
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 304-5;
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 331-3;
Jannar-Frar 1990 (50), p. 361;
Marzu-April 1990 (51), pp. 388-9;
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 428-9;
Settembru-Ottubru 1990 (53), pp. 455-7;
Novembru-Diċembru 1990 (54), pp. 482-4;
Jannar-Frar 1991 (55), pp. 511-12;
Marzu-April 1991 (56), pp. 541-2;
Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 568-9;
Lulju-Awissu 1991 (58), pp. 596-7;
Settembru-Ottubru 1991 (59), pp. 622-4;
Novembru-Diċembru 1991 (60), pp. 651-2.

"Grazzi Madonna Għax Smajtni",
Jannar-Frar 1988 (38), pp. 26-7;
Marzu-April 1988 (39), pp. 55-6;
Mejju-Ġunju 1988 (40), pp. 82-3;
Lulju-Awissu 1988 (41), pp. 111-12;
Settembru-Ottubru 1988 (42), pp. 138-9;
Novembru-Diċembru 1988 (43), pp. 166-7;
Jannar-Frar 1989 (44), pp. 193-5;
Marzu-April 1989 (45), pp. 222-3;
Mejju-Ġunju 1989 (46), pp. 251-1;
Lulju-Awissu 1989 (47), pp. 278-9;
Settembru-Ottubru 1989 (48), pp. 306-8;
Novembru-Diċembru 1989 (49), pp. 334-5;
Jannar-Frar 1990 (50), pp. 362-3;
Marzu-April 1990 (51), pp. 390-1;
Mejju-Awissu 1990 (52-53), pp. 430-1;
Settembru-Ottubru 1990 (53), pp. 458-9;
Novembru-Diċembru 1990 (54), pp. 485-7;
Jannar-Frar 1991 (55), pp. 513-16;
Marzu-April 1991 (56), pp.543-4;
Mejju-Ġunju 1991 (57), pp. 570-1;
Lulju-Awissu 1991 (58), pp. 598-9;
Settembru-Ottubru 1991 (59), pp.625-8;
Novembru-Diċembru 1991 (60), pp. 653-5.

F'kull ħarġa hemm lista ta' ċelebrazzjonijiet li jsiru fis-Santwarju ta' Pinu, e.g. Magħmudijiet, Preżentazzjonijiet, Żwiġijiet.

biex ta d-dawl lil dak il-għama. Kristu ħalla tagħlim sod u sostanzjali u għalhekk ried li dan igħaddi minn nisel għal nisel biex jibqa' mfakkar mal-medda taż-żminijiet.



**L-Era tal-Martri**

L-istorja hija xhieda ħajja ta' dak li għaddiet minnu l-Knisja ta' Kristu, speċjalment fl-ewwel żminijiet tagħha. Hija kellha ssofri l-katakombi, il-ħabsijiet, il-qtil, imma kien ukoll f'dan iż-żmien li l-insara kienu jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex, waqt li sħabhom kienu jiġu maqtula jew mikula mill-bhejjem, huma kienu jiġbru xi ftit demm jew xi oġġetti oħra ta' dawk il-mejta u kienu jżommuhom bl-akbar għożża u bħala għelm ta' ħelsien minn kull tiġrib. Kienu jivvenerawhom u jqimuhom b'mod l-iktar qaddis, jużawhom imdendlin ma' għonqhom u kull fejn kienu jmorru kienu jeħduhom magħhom biex jagħtuhom il-kuraġġ meħtieġ. Saħansitra anke fit-testmenti tagħhom kienu jħalluhom bħala rigal speċjali lil ta' warajhom, wara li kienu jagħtuhom twissijiet biex iżommuhom b'għożża kbira. Hekk il-Knisja aċċettat dawn id-devozzjonijiet u l-istess tagħlim li nsibu fl-istorja ħajja tal-Knisja nsibu li anke l-Madonna stess tat jew ordnat li jsiru ċerti medalji jew domni biex ifakkru xi dehra tagħha fid-dinja, jew ukoll biex, permezz tagħhom, twassal xi messaġġ lill-poplu t'Alla kollu.

Hekk insibu l-Medalja Mirakuluża li l-Madonna kienet tat deskrizzjoni tagħha lil Santa Katerina Labourè, filwaqt li qaltilha li l-Madonna stess sejra tagħti ħafna grazzji lil dawk li jżommu fuqhom din il-medalja. Hemm il-Kuruna tar-Rużarju, li mhux biss talbitha l-Madonna lil bosta qaddisin biex kemm jista' jkun ixerrdu devozzjoni lejha anzi wegħdet li tagħti ħafna grazzji lil dawk li b'devozzjoni jgħidu kuljum ir-Rużarju Mqaddes.

Hekk il-Labtijiet bħal ma huma dak magħruf ħafna fostna tal-Madonna tal-Karmnu, il-Labtu l-Aħdar, iċ-Ċintura Mqaddsa, u bosta oħrajn li jagħmlu parti mportanti fil-ħajja tagħna l-insara u l-Madonna riedet tikkonferma din l-għamla ta' devozzjoni billi, meta kellmet lil dawk iż-żgħażagħ ta' Madjugorie qaltihom fit-18 ta' Lulju, 1985: "Illum nistedinkom biex fi djarkom ikollkom ħafna oġġetti sagri u li kull persuna ġġorr fuqha xi ħaġa mbierka. Bierku l-oġġetti kollha; b'hekk Satana jittentakom inqas għaliex ikollkom l-armi neċessarji kontrih." Mela la l-Madonna nnifisha fissret l-iskop ta' dawn id-devozzjonijiet qaddisa, ħadd ma għandu jazzarda u jgħid li dawn illum ma

għadux żmienhom, jew li dawn iwasslu għal xi każ ta' superstizzjoni jew seħer. Li kieku f'dawn l-oġġetti kien hemm xi ħjiel ta' xi ħaġa ħażina, il-Madonna qatt ma kienet sejra tirrikmandahom lil dawk iż-żgħażagħ u permezz tagħhom lid-dinja kollha.

**Kif qegħdin nużawhom??!!**

Biex dawn l-oġġetti sagri/imbierka jistgħu jkunu għalina għelm ta' għajnuna kontra t-tnassis tax-xitan, irid ikollna l-ewwelnett fidi kbira, għalhekk qatt ma għandna nilbsuhom bħala żina jew dekorazzjoni fuqna. Qatt ma għandna nħarsu lejhom bħala sinjal ta' sbuħija materjali biex iżżejjen l-għonq, jew is-sider, jew il-but, imma b'devozzjoni sinċiera u bl-akbar għożża kif kienu jużawhom il-martri fl-ewwel żminijiet meta xi biċċa ċarruta li kienet tkun imċappsa bid-demm ta' xi nisrani li kien ikun mikul minn xi annimal selvaġġ għax kien jistqarr li huwa jimxi wara Kristu; hekk ukoll fi żmienna, dawn l-oġġetti għandhom jinżammu bl-akbar għożża minn kulħadd.

Fl-imgħoddi l-Madonna stess meta dehret lill-Beatu Alan, patri Dumnikan, wegħditu li lil dawk li jgħidu r-Rużarju kuljum bid-devozzjoni u jżommu fuqhom b'għożża din il-kuruna għażiża, Hija mhux biss tħarishom f'din id-dinja minn dak kollu li jista' jfixkilhom fil-mixja tal-ħajja nisranija tagħhom, imma wkoll tagħtihom il-grazzja li fil-pont tal-mewt Hija stess tkun ħdejhom biex l-ispirtu ħażin ma jagħmlilhom l-ebda ħsara. L-istess ġara fil-Labtu tal-Karmnu li l-Madonna kienet tat lil S. Xmun Stock, fejn qaltlu li kull min josserva l-liġi t'Alla u jmut imlibbes b'dan il-Labtu tagħHa ma jarax it-telfien ta' dejjem. Anke S. Katerina Labourè ftit qabel ma mietet qalet li l-akbar teżor li kienet tatha l-Madonna kienet il-Medalja li permezz tagħha hija kienet żgura mis-salvazzjoni ta' ruħha. Ġewwa Fatima l-Madonna stess wegħdet il-ġenna lil



Franġisku, imma jrid jgħid ħafna Rużarju u l-istorja tgħidilna li minn dak il-mument, Franġisku ma neħħa qatt iktar il-Kuruna tar-Rużarju minn idejh, tant li anke waqt il-logħob ma' sħabu, hu kien dejjem iżebbeġ il-ġawhriet sbieħ li jagħmlu parti minn 'kuruna ta' fjuri' li kull nisrani għandu jqiegħed fuq ras il-Madonna.

**U aħna??!!**

Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn missirijietna ta' l-imgħoddi, għandna nsibu li dawk kellhom qima l-iktar kbira u b'għożża tassew mimlija fidi kienu jżommu fuqhom dawn is-sinjali ta' l-għajnuna mill-ħakma ta' l-ispirti ħżiena.

Sa minn meta t-tarbija titwieled, l-omm b'ħeġġa kbira kienet dejjem tfittex li tpoġġi fil-'pram' tagħha xi għelm ta' ħarsien. Hekk konna nsibu bosta ommijiet li kienu jmorru għand diversi komunitajiet ta' sorijiet biex jakkwistaw xi labtu rrakmat tassew sabiħ li ġewwa fih kien ikun hemm xi kitba mill-Kotba Mqaddsa.

Jekk ikunu fid-dar, ma' l-ewwel daqqa t'għajn li kont titfa' fuq il-benniena msebbħa bi ħlewwa ta' tarbija liema bħalha, kont tilmaħ xi labtu mdendel ħdejn rasha u l-omm kollha ħeġġa qaddisa kienet ta' spiss tagħti lit-tarbija tagħha dan il-labtu biex tbusu u hemm titgħallem l-ewwel kelmiet ta' l-Ave Marija. Qabel torqod filgħaxija dan il-labtu kien ikun iċ-ċentru ta' xi talba lill-Madonna, lil-Anġlu Kustodju, lil San Ġużepp jew li xi qaddis ieħor, speċjalment l-isem li kienet iġġib it-tarbija.

Anke f'għonq il-bhejjem, mhux l-ewwel darba li nsibu xi ħaġa ta' devozzjoni biex tħares lill-bhima mill-għajn ħażina u dan il-għelm kien ikun imwaħħal jew mal kappestru jew ma' xi parti oħra tax-xedd li kien ikun hemm fuq dahar il-bhima, u meta l-bidwi kien jitlaq għax-xogħol tiegħu fil-għelieqi kien dejjem isellem lil dan il-għelm u jitlob l-għajnuna t'Alla u tal-Madonna fil-vjaġġi tiegħu lejn u lura mir-raba' tiegħu.

Mhux biss fuq it-trabi u l-bhejjem kienu jidhru dawn is-sinjali imma anke f'għonq in-nies, speċjalment anke rġiel li mhux l-ewwel darba fix-xhur sħan tas-sajf, meta x-xemx kienet tagħmel il-qilla tagħha fuq il-qiegħa, kont tara jitfaċċa minn taħt il-flanella dik il-kordiċella tal-labtu tal-Madonna.

Kellhom ħafna devozzjoni lejn dawn l-għelmijiet qaddisa, l-għeżież missirijietna, u kienu jagħtu tant kas tagħhom li jekk kienu joħorġu mid-dar mingħajrhom, arahom jerġgħu lura biex iġibuhom u jżommuhom b'għożża kbira. L-istess bdiewa meta kienu jkunu fl-egħlieqi tagħhom, waqt li kienu jieqfu ftit mix-xogħol biex igħidu xi talba fit-tmienja ta' filgħodu, ma kenux ftit dawk li wara li jsellmu lill-Madonna, kienu jbusu l-labtu b'sinjal ta' protezzjoni qaddisa.

Tant in-nies tagħna kienu jpoġġu fiduċja f'dawn id-devozzjonijiet li meta kienet tiġri xi ħaġa, kienu dejjem igħidu li dik ġrat għax l-individwu ma kellu xejn fuqu tal-qaddisin. Forsi xi ħadd jaħsibha li kienet daħlet sewwa fost in-nies tagħna ċerta superstizzjoni, imma għad li fl-injuranza tagħhom kienu forsi jesaġeraw fuq dawn id-devozzjonijiet, però fil-ġewwieni tagħhom dejjem kellhom il-ħsieb tal-ħarsien minn kull deni.

**Mhux superstizzjoni jew seħer**

Minn dan il-ftit kliem li għidna, jidher ċar li dawk l-oġġetti devoti li aħna nżommu fuqna bl-ebda mod ma jistgħu jkunu sinjali ta' xi superstizzjoni jew seher, imma vera devozzjoni lejn il-Madonna u l-qaddisin.

Għalhekk għandna dejjem inżommuhom fuq-na, u waqt li niftakru fihom ta' spiss, nitgħallmu nitbegħdu dejjem iktar minn dawk l-okkażjonijiet li jistgħu jwassluna għat telfien tal grazzja ta' Alla. Minn igħożż dawn l-oġġetti sagri u jużahom b'mod devozzjonali flimkien ma' sens ta' fidi kbira u mħabba lejn min jirrappreżentaw, ikun qiegħed jagħmel l-akbar għadd ta' rikonoxxenza lejhom u jaqla' minn għandhom il-ħtiġijiet tiegħu.



# Ma' Marija fiż-Żgħożija

*Mill-*

KAN. JOE MEJLAK

## ŻEWĠT IĦBIEB

F'Ruma kien hemm żewġt irġiel li kienu ħbieb tal-qalb u kienu jinħabbu daqs aħwa.

Darba tefgħu lil wieħed minnhom il-ħabs għax qalu li kien qatel lil xi ħadd, u allavolja baqa' jgħid li kien innoċenti, xorta waħda qatgħuhielu għall-mewt.

Ħabibu kien imur iżuru l-ħabs. Ftit ġranet qabel, il-ħabib li kien fil-ħabs sema' li ommu kienet qegħda tmut u xtaq ħafna li jaraha.

Talab lill-Imħallef biex iħallih imur, iżda dan irrifjuta t-talba tiegħu għax beża' li jaħrablu minn taħt idejh.

Ħabibu, daqskemm kien jemmnu u kellu fiduċja fih, talbu jibqa' hu minn floku, biex jekk ma jiġix lura, joqtol lilu minn floku.

Għaddew ġranet u l-ħabsi kien għadu ma ġiex lura. L-Imħallef iddieħak bih u qallu li ħabibu ma kienx ser jerġa' lura. Iżda dan aċċerta lill-Imħallef li ħabibu kien bniedem ta' kelmtu.

Sewwasew qabel qatluh, ħabibu ġie u meta l-Imħallef ra li kien daqshekk fidil u żamm kelmtu, emmen li kien tassew innoċenti u ħeles liż-żewġt iħbieb.

Kemm aħna kapaċi li nħobbu bl-istess imħabba ta' dak il-ħabib?

## IL-MAĦFRA

Meta Jon West ta' Giorgia kien għad għandu 10 snin, missieru għallmu jaħfer.

Jon kien qed jilgħab b'fergħa ta' siġra u laqat is-sellum li kien fuqu missieru. Dan waqa' u kiser idu. It-tifel beża'. Imma missieru qallu li kien inċident u li seta' ġara hekk lilu. "Ejja ninsew dan l-inċident. Idi ma ddumx ma terġa' tiġi f'postha u flimkien nerġgħu nibdew naqtgħu iktar frieghi", qal il-missier lil ibnu.

Jon tgħallem il-maħfra u tgħallimha sew. Għadda ż-żmien u ommu darba waqqgħetlu l-ħalib fuq l-iktar libsa li kienet għal qalbu. Qalilha: "Tinkwetax ma, nilbes oħra u xorta waħda nkun pulit għall-party".

F'waħda mill-kitbiet tiegħu fl-iskola, Jon iddeskriva l-maħfra bħala sinjal ta' qalb tajba, rispett u mħabba.

Kemm għandna l-ħila naħfru aħna kull azzjoni ħażina li nirċievu, żgħira kemm hi żgħira, kbira kemm hi kbira?

# Qalb Maqsuma

Novella ta' J.C.

Marija kienet għadhà kif waslet Għawdex ma' l-ewwel vjaġġ tal-Banċinu li kien telaq mill-Marfa fis-sebgħa u kwart u wasal l-Imġarr xi nofs siegħa wara. Kif niżlet mill-vapur skartat lil xi sewwieqa tal-karozzi tal-kiri li ħadulha rasha biex iwassluha hemm jew...hemm u rħetilha bil-mixi 'l fuq lejn ir-Rabat. F'moħħha kellha ħsieb li kien ilu żmien twil iberren: riedet titlob grazzja speċjali lill-Madonna ta' Pinu u t-talba għal din il-grazzja riedet twassalha billi tagħmel pellegrinaġġ minn ħdejn il-vapur sa Ta' Pinu bil-mixi u dehrilha li ma setgħetx issib jum aħjar minn dak in-nhar, il-15 ta' Settembru, jum il-festa tas-sebgħa duluri tal-Madonna. Kienet mixja iebsa u twila imma akkost kollox riedet tagħmilha sa l-aħħar...u għamlitha.

Waslet Ta' Pinu xi għoxrin minuta fuq id-disgħa u għalkemm għajjiena mejta baqgħet tiela' fil-kappella u nxteħtet għarkobbtejha fl-art quddiem l-artal. Mill-ewwel fetħet qalbha mal-Madonna u fost l-oħrajn instemgħet titniehed: "Imma għaliex Madonna għaliex lili ma ngħatatlix il-grazzja li l-ħin kollu tingħata lil ħafna ommijiet oħra?...għaliex jien u żewġi qed insofru meta tant inħobbu lil xulxin u meta tant nixtiequ li din l-imħabba tagħna tagħti l-frott?...Jien dejjem tgħallimt u emmint li Int tisma' t-talb ta' min jafda fik, dejjem emmint li Int Omm ħanina u ġejt għandek, O Madonna, fil-jum tad-duluri tiegħek biex inpoġġi quddiemekdan id-dulur li qed jifnina...jaħasra Madonna, isma' t-talba tiegħi". Siktet tħares b'għajnejha jgħumu fid-dmugħ lejn il-Madonna, imbagħad ħbiet wiċċha f'maktur li kellha f'idha x-xellugija, għafset ma' sidirha l-kuruna li kellha f'idha l-oħra u niżlet b'rasha ma' l-art bħallikieku tistenna tweġiba minn għand il-Madonna.

Ftit minuti wara nfetaħ dak il-bieb tal-ħġieġ fil-ġenb tal-kappella ħdejn l-artal u ħareġ tifel b'żewġ xemgħat f'idejh u poġġihom fuq l-artal. Dan raha lil dik il-mara imma billi kien is-soltu jara nisa jibku quddiem il-Madonna, deherlu li aħjar iħalliha bi kwietha u daħal lura fis-skiet lejn is-sagristija. Madankollu ma daħalx b'moħħu mistrieħ għal kollox; donnu ħass xi ħaġa tiġbdu lejn dik id-devota u baqa' għal xi ħin jittawlilha baxx baxx minn wara l-ħġieġa għax ħaseb "forsi qed iħossha ħażin". Għalhekk meta għaddew ftit minuti oħra u dik il-mara baqgħet tibki f'dik is-sura ta' kobba fl-art, ma ssaportiex iżjed. Fetaħ il-bieb b'daqsxejn ta' ħoss biex dik tisimgħu u tiġi xi ftit f'tagħha, mar fuqha u staqsieha jekk kienx qed iħossha ħażin, anzi qalilha tidħol miegħu fis-sagristija biex jagħmlilha kikkra kafe ħalli tistejqer ftit. Għall-ewwel Marija nħasdet u nstarmet imma mbagħad bħal ħadet grazzja mat-tifel u aċċettat l-istedina.

Sakemm sar il-kafe, it-tifel deherlu li kellu jkellem lil dik il-mara biex jagħmlilha kuraġġ u beda: "Sewwa għamilt taf, ġejt tibki quddiem din il-Madonna tagħna...ta' spiss nara nisa bħalek jibku f'din il-kappella u ta' spiss ukoll jiġu nisa ferħanin bl-irġiel magħhom u bit-tfal jirringrazzjaw lill-Madonna għall-grazzji li jkunu qalgħu bl-interċessjoni tagħha." Imbagħad urieha ktieb li kien hemm fuq il-mejda taħt tieqa u kompla: "Qed tarah dak il-ktieb?...dak mimli bl-ismijiet ta' dawk in-nies li qed insemmilek u dawn in-nies kollha mbagħad jiġġieldu magħna għax ikunu jriduna nixgħelulhom żewġ xemgħat lill-Madonna dak il-ħin...kieku nisimgħu minnhom ikollna nimlew l-art tal-kappella kollha bix-xema tixgħel u mur ara miskina l-Madonna kif nifgawha." Għal dan il-kliem Marija sfurzat tbissima ħafifa, qawwiet xi ftit qalbha u qaltlu b'leħen li jmiss il-qalb: "Inti dejjem hawn ħdejn il-Madonna...itlob għalija ħalli jiena wkoll niġi nirringrazzja lill-Madonna flimkien ma' żewġi u ma'..." Imma ma felħitx tkompli titkellem, ma kellhix saħħa.

Meta t-tifel raha qed terġa' tinkiser qalilha tpoġġi bil-qiegħda u mar jiġri jġibilha l-kafe. Marija xorbot il-kafe u ħassitha ħafna aħjar, tant li xtaqet tgħannaq magħha lil dak it-tifel li dak il-ħin ratu bħal anġlu mibgħut mill-Madonna biex iqawwilha qalbha, imma stħat. Kompliet tistaqsih xi ftit fuq il-Madonna, fuq il-grazzji li jinqalgħu hemmhekk, fuq kemm nies imorru quddiem il-Madonna u affarijiet bħal dawn. Imbagħad irringrazzjatu ħafna u qamet biex tmur. Kif kienet ħierġa ftakret f'xi ħaġa u qaltlu: "Illum jixraq li wieħed jagħmel il-Via Sagra f'din il-ġurnata għażiża tal-Madonna". Staqsietu fejn kienu s-santi tal-Via Sagra f'dik il-knisja. "Hawn m'hawnx santi tal-Via Sagra" qalilha t-tifel xi ftit qalbu sewda. Imma f'daqqa waħda ġieh ħsieb u "Jekk timxi ftit ieħor sal-kappella ta' San Pupulju tista' tinvistaha hemmhekk jew inkella" kompla b'vuċi inqas ħerqana, "tista' tagħmilha ma' l-Għolja ta' Għammar bħal Frenċ. Imma ħa ngħidlek taf, trid tbati ħafna għax il-passaġġ imħarbat u dejjem għat-telgħa."

Ma' l-isem ta' Frenċ, Marija waqfet f'daqqa u staqsiet bil-ħatfa: "Jaqaw Frenċ dak li jfejjaq?" "Iva, dak hu, dak sikwit jagħmel il-Via Sagra ma' l-għolja ta' quddiem il-knisja, ikollu miegħu xi rġiel oħra għax ġieli rajthom filgħaxija...u ħa ngħidlek taf, dak veru li jfejjaq u taf kemm fejjaq nies...jiswielek ħafna kieku tmur s'għandu". L-oħra waqfet imħassba u staqsietu: "Min jaf ikunx hemm bħalissa?" "Le, le, filgħaxija trid tmur u trid taħseb kmieni għax dejjem ikollu purċissjoni nies jistennew". "Mela xi darba nerġa' niġi mar-raġel", irrispondiet Marija b'ċerta dieqa. Imbagħad talbitu juriha kif setgħet tagħmel il-Via Sagra ma' l-għolja. Dak ħareġ magħha sa taħt il-portiku mnejn urieha dak il-ħanut żgħir u: "Minn hemm ara jibda l-passaġġ minn ħdejn dak il-ħanut jismu 'Pilgrim's Rest', minn hemm tibqa' tiela' sa fuq l-għolja, ikkalkula int kif tqassam l-istazzjonijiet. Marija rringrazzjat mill-ġdid lit-tifel u telqet tgħaġġel lejn l-għolja b'wiċċha mixgħul bi tbissima ta' tama.

* * * * * * *

Frenċ kien qiegħed fl-għalqa tiegħu lejn Ta' Ċikku ftit 'l hemm minn Ta' Pinu. Kien qiegħed jaħseb għaż-żriegħ tal-patata tax-xitwa. Għalkemm kien jidher mehdi fuq xogħlu moħħu ma kienx fl-imgħażqa imma fl-arloġġ tal-knisja ta' l-Għarb għax għall-ħabta ta' l-għaxra ried jasal sa Ta' Pinu biex jinvista lill-Madonna f'jum is-Sebgħa Duluri Tagħha. Hekk malli l-arloġġ ħabbar l-għaxra, Frenċ ġabar f'rokna taħt il-ħajt l-affarijiet li kellu u qabad passaġġ għat-telgħa tal-Gerruxa mnejn imbagħad kiser fuq il-lemin lejn Ta' Pinu. Kif wasal ħdejn il-ħanut ta' Wistin ħares lejn il-passaġġ u ftakar li kien miftiehem ma' xi rġiel ta' għaqda reliġjuża biex dak in-nhar filgħaxija jagħmlu flimkien il-Via Sagra matul dak il-passaġġ. Ħaseb bejnu u bejn ruħu: "Tgħid hux aħjar nixref ftit mal-passaġġ forsi nnaddaf il-ġebel min-nofs u nara kif nimmarka l-istazzjonijiet". Dar lejn Ta' Pinu u: "Int xi tgħidli Madonna, niġi ħdejk l-ewwel jew nitla' sa t'Għammar". Waqaf għal ftit minuti jistenna sakemm ħass il-Madonna tilluminah biex jitla' mal-passaġġ. Hekk Frenċ qabad il-passaġġ u beda jwarrab xi ġebel u kultant iwaħħal salib magħmul mill-bużbież qalb il-ġebel tas-sejjieħ biex b'hekk iqassam il-Via Sagra fi stazzjonijiet fejn deherlu li kienu l-aħjar wesgħat biex numru mhux ħażin ta' devoti setgħu jitolbu mingħajr rassa.

Meta qorob sew 'il fuq u beda jfittex fejn se jwaħħal is-salib għat-tnax-il stazzjon, waqaf f'daqqa waħda jħares. Ftit 'il bogħod minnu mixħuta fl-art jara mara. Frenċ issemma' ftit u nduna li kienet qed timxi l-Via Sagra u kienet qed timmedita fuq id-Duluri tal-Madonna fit-tnax-il stazzjon. Kienet qed tgħid: "Min jaf kemm sofrejt Madonna taħt is-salib b'Ibnek imdendel miegħu...imma għallinqas Int rajt lil Ibnek...jien ma nistax narah u dan is-salib qed inħossu tqil wisq imma Int, O Omm Addolorata, tista' tgħinni nġorr dan is-salib..." Baqgħet sejra hekk titkellem b'qalbha maqsuma mal-Madonna bħallikieku din kienet ħdejha u ma riditx titlaqha qabel tagħtiha kelma ta' faraġ.

Frenċ baqa' jħares ħosbien, imbagħad qal bil-mod: "Milli qed nara wasal iż-żmien li jibda jseħħ dak li qaltli l-Madonna". Għax xi sentejn qabel Frenċ kien qiegħed Ta' Pinu jimmedita fuq il-pjaga moħbija ta' Ġesù, skond kif il-Madonna kienet talbet lil Franġisk Portelli, u kien ħass lill-Madonna tgħidlu: "Biex timmedita sewwa din il-pjaga hemm bżonn li tħoss it-toqol tas-Salib kif ħassu Ibni fit-triq tat-tbatija." Imbagħad bħal leħħa ta' berqa deherlu li ra erbatax-il salib imwaħħlin qalb il-ġebel ma' l-għolja ta' Għammar u reġa' ħass il-Madonna tgħidlu: "Mur ibda...warajk għad jitilgħu ħafna u kbir ikun il-faraġ ta' dawk li jfittxuh f'din it-triq tas-Salib." Mela għalhekk riditni nitla' hawn dalgħodu l-Madonna", ħaseb Frenċ.

Dan id-devot tal-Madonna nduna li l-Madonna riditu jitla' hemm biex permezz tiegħu Hi tfarraġ lil dik id-devota tagħha. Malajr mexa lejha, messilha spallitha kif kienet mixħuta qalb il-ġebel u: "Għaliex qed tibki oħti?" qalilha bil-ħlewwa. Dik għolliet rasha kollha mifxula u ħarset lejh b'ħarsa ta' ħniena bla ma wieġbet xejn. Frenċ raha mifxula u ftit beżgħana u biex jagħmlilha kuraġġ tefa' fuqha ħarsa kollha mħabba, għenha tqum mill-art u reġa' kellimha: "Isma' binti, jekk trid issib il-faraġ għamel bħall-Madonna." Għal dan il-kliem l-oħra għolliet ftit rasha, ħarset lejh b'qalbha xi ftit qawwija u qatlu: "Bħall-Madonna kif?" "Billi tiggranfa mas-salib kif għamlet Hi", irrispondieha Frenċ bil-qawwa. "Liema salib?" reġgħet l-oħra waqt li xxuttat għajnejha bis-serqa. "Is-salib li Alla qed jibgħat fil-ħajja tiegħek u ta' żewġek u dan għax Alla jħobbkom...għax huwa dan is-salib li lilek u lil żewġek qed igħaqqadkom flimkien...meta jasal il-waqt Alla ser ineħħilkom dan is-salib imma araw li titolbuh salib ieħor għax is-salib huwa l-aqwa rigal li Alla jagħtina biex iżommna magħqudin miegħu avolja aħna nibku taħt is-salib u naħsbu li Alla nsiena...kun af binti li Alla jaf x'inhu jagħmel fil-ħajja ta' kull wieħed minna...issa agħmel kuraġġ u kompli l-Via Sagra għax il-Via Sagra ma tispiċċax fit-tnax-il stazzjon b'Ġesù mejjet fuq is-Salib, qisu mirbuħ, imma tispiċċa b'Ġesù mqajjem mill-mewt, b'Ġesù rebbieħ fuq il-mewt u fuq kull ħażen, b'Ġesù jgħid lill-Appostli, 'mogħtija lili kull setgħa fis-sema u fl-art'...mela għalfejn dan il-qsim il-qalb, għażiża oħti, meta għandna lil Ġesù u lil Ommu jieħdu ħsiebna?...kompli l-Via Sagra sa fuq l-għolja ħalli bħall-Madonna tiltaqa' ma' Ġesù mqajjem mill-mewt u tħallih ikellmek, kompli tiela' u ibqa' dejjem itlob lil Ommna Marija biex turik it-triq tal-Via Sagra tal-ħajja tiegħek." Sellmilha u reġa' qabad jagħmel ix-xogħol ta' tindif u twaħħil tas-slaleb.

Marija baqgħet bħal imbikkma għal dak il-kliem, stħajlet li dak kien San Ġużepp. Għall-ewwel baqgħet tħares lejh bla ma tista' tifhem x'kien qed jagħmel b'dawk iz-zkuk f'idejh. Imma f'daqqa waħda bdiet tħossha tfur bil-ferħ u paċi u anke teħfief mit-toqol tal-għejja tat-telgħa. Qamet fuq tagħha, imxiet 'il fuq, kompliet il-Via Sagra sa fuq il-quċċata tal-għolja mnejn xtaqet ittir lejn żewġha biex taqsam miegħu l-ġenna li ħassitha ġo fiha dak il-ħin.

* * * * * * *

Mad-daqq tat-tmienja fil-knisja ta' Pinu kienu qed iħejju għall-festa tad-Dehra fi ftit ġranet oħra. Dak il-ħin daħlu fil-knisja raġel u mara b'tarbija fi ħdanha. Kif daħlu nxteħtu fl-art jitolbu fis-skiet b'rashom baxxuta. Imbagħad qamu mill-art u l-mara bdiet tgħarrex lejn dawk li kienu qed jarmaw għall-festa sakemm għajnejha waqgħu fuq l-artal maġġur u għajtet bla ma qieset li kienet fil-knisja: "Dak kien, ara, dak kien", waqt li lil żewġha wrietu daqsxejn ta' tifel li kien qed jirranġa tapit fit-taraġ ta' l-artal. It-tnejn ġrew lejn il-presbiterju jħarsu lejn it-tifel. Dak daħqilhom u kompla fuq xogħlu. Il-mara ma kenitx kuntenta bi tbissima biss għax f'daqqa waħda rħiet it-tarbija f'idejn żewġha, telgħet ħdejn l-artal u qaltlu ferħana: "M'intix tagħrafni?" Dak inġibed ftit lura u baqa' jħares ixengel rasu jaħseb jekk kenitx xi waħda miz-zijiet li kellu Malta. Imma l-oħra ma kellhiex sabar tistennieh jaqta' min kienet għax f'daqqa waħda għannqitu magħha u bid-dmugħ f'għajnejha qaltlu: "Jien dik il-mara ta' dak in-nhar, dik li int ħennejt għaliha u għamiltilha kikkra

*ikompli f'paġna 22*



# Tfal Thobbuha lill-Madonna?

(**ANTON FARRUGIA** *jkellem lit-tfal devoti tal-Madonna*)

Fil-paġna tagħkom ta' din il-ħarġa rrid inkellimkom dwar pittur famuż li baqa' msemmi mhux biss għall-imħabba kbira li kellu lejn il-Madonna imma wkoll għall-kwadri sbieħ tal-Madonna li pitter. Dan il-pittur huwa

## FRA ANGELICO

Dan il-pittur twieled mas-600 sena ilu ġewwa Vicchio, qrib Firenze, ġewwa l-Italja. Il-ġenituri tiegħu semmewh Guido u kienu jgħajtulu Guidolino. Meta kien għadu żagħżugħ daħal mal-patrijiet Dumnikani u ħa l-isem ta' Fra Giovanni. L-ewwel xogħol tiegħu artistiku kien bħala 'illuminatur'. Forsi tafu li f'dawk iż-żminijiet il-kotba ma kenux jiġu stampati bl-istamperija imma jinkitbu bl-idejn. Il-kotba tal-Knisja, l-aktar il-Missali u l-kotba tal-Liturġija tas-Sigħat, kienu jiġu mżejnin b'ħafna pittura sabiħa kollha kuluri. Kienu jħobbu jżejnu b'mod speċjali l-ewwel ittra ta' kull kapitlu jew sezzjoni. Dan ix-xogħol tal-pittura fil-kotba jissejjaħ 'illuminazzjoni'. F'din il-kwalità ta' arti beda Fra Giovanni.

Forsi xi ħadd isaqsi: jekk dan il-pittur kien jismu Fra Giovanni għaliex kulħadd isejjaħlu Fra Anġeliku? L-isem ta' Fra Angelico ġie mogħti lilu xi 14-il sena wara l-mewt tiegħu. Jaħsbu li tnejn huma r-raġunijiet għax Fra Giovanni bdew isejħulu Fra Anġeliku. L-ewwelnett għax kien iħobb ipinġi bosta anġli ta' sbuħija liema bħalha fil-kwadri tiegħu tal-Madonna. It-tieni raġuni ġejja mill-fatt li sħabu l-patrijiet ħallew miktub dawn il-kelmiet: Tabilħaqq trid tkun pittur anġeliku biex jirnexxilek toħloq uċuh hekk puri u ispirati...biex tpinġi xeni tas-sema hekk sbieħ".

Fra Angelico pinġa biss suġġetti reliġjużi, fosthom numru kbir ta' xbihat tal-Madonna, l-aqwa fosthom il-Lunzjata u "Maria Incoronata Regina". Fra Angelico kien iqis li kull biċċa xogħol ta' pittura li huwa kien jagħmel kienet tkun talba ferventi lil Alla u lill-Verġni Mbierka. Fil-fatt huwa stess stqarr dan meta pinġa bosta pittura fiċ-ċelel tal-Kunvent ta' San Mark ġewwa Firenze.

F'dan il-kunvent, Fra Angelico pinġa f'44 ċella u anke fil kuriduri li jagħtu għaċ-ċelel. Dan il-pittur stqarr li kull pittura li għamel għamilha bil-ħsieb li tqanqal lill-patrijiet sħabu għat-talb u l-meditazzjoni. Dan biex naraw kemm kellu sentimenti ta' qdusija Fra Angelico.

Fra Angelico ma pinġiex biss ġewwa Firenze, imma l-Papa kien sejjaħlu Ruma biex ipinġi wkoll f'din il-belt. Għadhom jeżistu affreski tiegħu fil-Vatikan.

Minkejja li Fra Angelico kien bniedem magħruf u artist famuż huwa qatt ma tkabbar. Għex ħajja ta' qdusija. Tant hu hekk li l-Knisja diġà għamlet l-ewwel pass meta l-Papa fis-sena 1958, iddikjara lil Fra Angelico 'Beatu' – il-Beatu Angelico.

# Mill-Ħajja tas-Santwarju

Miġbura mill-Kan. Dun Karm Borg



**SETTEMBRU:**

**3.** Fr. Joe Bugeja mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Stella Maris għas-Santwarju fejn huwa stess qaddes għall-pellegrini.

**4.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Fgura. Qaddes għalihom fis-Santwarju l-Kan. Dun Mikiel Cauchi.

**5.** Wasal fis-Santwarju pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' l-Imsida. Il-pellegrini ħadu sehem f'quddiesa li tqaddset għalihom mill-Kan. Dun Mikiel Cauchi.

**6.** Grupp ta' Leġjunarji organizzaw irtir fid-Dar ta' l-Irtiri tas-Santwarju. Mexxa l-irtir Dun Salv Grech.

**7.** Peress li kien l-Ewwel Sibt tax-xahar, bħas-soltu, il-Fergħa Ewkaristika ta' Malta żammet il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u siegħa adorazzjoni li tmexxiet mill-membri ta' din l-għaqda.

Fl-istess jum Mons. Rużar Borg qaddes għal grupp ta' leġjunarji li għamlu żjara fis-Santwarju.

**8.** Fl-okkażjoni tal-Festa tat-Twelid tal-Madonna, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb mexxa Għasar u quddiesa fis-Santwarju bħalma soltu jsir f'kull festa tal-Madonna.

**11.** Wasal pellegrinaġġ mill-Knisja tad-Duluri tal-Ħamrun. Mexxa l-pellegrinaġġ Dun Salv Vella. Huwa stess qaddes għall-pellegrini fis-Santwarju.

**15.** Grupp ta' żgħażagħ minn Malta ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju mmexxijin minn Fr. Paul Fenech. L-intenzjoni speċjali tal-pellegrini kienet "Biex dak kollu li naħsbu jseħħ biH" u din it-talba saret bl-interċessjoni tal-Madonna.

Il-Grupp ta' l-Abbatini u t-tfal tal-Kor tal-parroċċa ta' Marsaxlokk ħadu sehem f'pellegrinaġġ għas-Santwarju Ta' Pinu, fejn il-Kappillan Dun Ġużepp Mifsud, li mexxa l-pellegrinaġġ, qaddes għalihom.

**17.** Fr. Tony Buhagiar u Fr. Felix Buttigieg OSA mexxew pellegrinaġġ għas-Santwarju mill-Knisja ta' Santa Rita ta' San Ġiljan.

**19.** Grupp ta' 31 persuna minn Sqallija ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju fejn huma ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom.

**20.** Il-Grupp tal-Vokazzjonijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl ġie f'pellegrinaġġ għas-Santwarju fejn żamm laqgħa ta' talb lil Alla bl-interċessjoni tal-Madonna għal aktar vokazzjonijiet fis-Soċjetà u fil-Knisja.

**21.** Is-Sorijiet Agostinjani ta' Għajnsielem żammew laqgħa ta' talb fis-Santwarju u ħadu sehem ukoll f'quddiesa li saret għalihom.

**26.** Saret laqgħa ta' talb għaż-żgħażagħ Għawdxin. Din ġiet organizzata bi thejjija għal-laqgħa Internazzjonali għall-Paċi li kellha ssir f'Malta u fl-okkażjoni tal-125 sena mittwaqqif tas-Seminarju.

**28.** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Mikiel Arkanġlu saret laqgħa ta' talb għall-irġiel u għall-ġuvintur Għawdxin fis-Santwarju. Saret nofs siegħa adorazzjoni u wara l-quddiesa b'messaġġ mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi.

**OTTUBRU:**
**3.** Dun Mikiel Attard qaddes għal grupp ta' nisa mill-parroċċa tan-Nadur li wara attendew għal Coffee Morning li ġie organizzat fir-restorant ta' ħdejn is-Santwarju.

**4.** Ġiet organizzata attività għall-anzjani. Fost attivitajiet oħra l-anzjani Għawdxin ħadu sehem f'quddiesa li saret għalihom mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Kienu preżenti u ħadu sehem fil-quddiesa l-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Tabone u s-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani Dr. John Rizzo Naudi.

**5.** Il-Fergħa Ewkaristika ta' Malta żammet il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u wara siegħa adorazzjoni li tmexxiet mill-membri tal-Fergħa.

**21.** Grupp ta' saċerdoti Ġermaniżi ġew f'pellegrinaġġ għas-Santwarju fejn żammew laqgħa ta' talb u qaddsu wkoll fil-kappella tal-Madonna ta' Pinu.

**26.** Mons. Beneditt Camilleri qaddes għal grupp ta' Sorijiet Orsolini li ġew minn Tas-Sliema, Malta. Huma qattgħu ġurnata ta' talb u mistrieħ fis-Santwarju, fuq l-Għolja ta' Għammar u fl-inħawi ta' madwar is-Santwarju.

**NOVEMBRU:**
**2.** Bħalma soltu tagħmel kull l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika ta' Malta żammet il-laqgħa tagħha fis-Santwarju. Saret quddiesa u laqgħa ta' talb li tmexxiet mill-membri ta' l-istess Fergħa.

**10.** Il-Fergħa Rġiel ta' l-Azzjoni Kattolika organizzat Irtir ta' ġurnata fid-Dar ta' l-Irtiri tas-Santwarju. Grupp sabiħ ta' rġiel membri ta' l-AzzjoniKattolika ħa sehem f'dan l-irtir.

**13.** Il-Kan. Nikol Vella Apap qaddes għal grupp ta' nisa mill-parroċċa ta' San Ġorġ li wara attendew għal Coffee Morning li kien organizzat mill-istess parroċċa fir-restorant ta' ħdejn is-Santwarju.

**21.** Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb mexxa Għasar u Quddiesa Kantata fis-Santwarju.

**27.** Ġie ċċelebrat Jum ir-Radd il-Ħajr fid-Djoċesi. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata fis-Santwarju u wassal il-messaġġ tiegħu għall-okkażjoni. Għadd sabiħ ta' Għawdxin ħa sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr.

## QALB MAQSUMA *(Jaqbad minn paġna 19)*

kafe...kieku taf ibni kemm għamiltli ġid meta ħajjartni biex nagħmel il-Via Sagra mal-għolja ta' quddiem il-knisja, dik l-għolja li jien ser nibqa' nsejħilha l-għolja tal-laqgħa mal-Madonna, għax hemmhekk jien verament iltqajt mal-Madonna taħt is-salib ta' binha Ġesù u l-Madonna ma riditnix insofri iżjed, riedet issofri Hi għalija u lili u lil żewġi tatna din it-tarbija...Issa llum ġejna hawn biex inroddu ħajr lill-Madonna u lilek u wara mmorru l-Għarb nistennew lil Frenċ għax dak verament fejjaqni mhux biss għax għat-talb tiegħu jien sirt omm imma għax urieni wkoll li wieħed isib il-faraġ meta jintelaq għal kollox f'idejn Alla". Imbagħad Marija ġibdet ġiżirana minn għonqha, qalgħet minnha qalb ċatta tad-deheb, qasmitha billi għawġitha xi tliet darbiet, qabdet nofs minnhom u waqt li newlitu lit-tifel qaltlu kollha ħeġġa: "Ħu din il-qalb maqsuma u poġġieha flok ix-xema quddiem il-Madonna bħala tifkira ta' meta l-qalb maqsuma tiegħi ltaqgħet mal-qalb maqsuma ta' Marija u mill-qalb ta' Marija ħarġet l-ikbar imħabba lejja u lejn żewġi...din it-tarbija li skond it-tobba jien qatt ma stajt ikolli."

# Grazzi Madonna Għax Smajtni



**GĦAWDEX:**

Ġolina Cremona; Joe Sultana; Carmen Micallef; Maria Cutajar; Joseph Vella; Peter Paul Vella; Maria Portelli; Eucharist Saliba; Ray Cauchi; Jane Buttigieg; Salvina Curmi; Doris Mizzi; Frank Grima; Frank Attard; Victor Attard; Victoria Sultana; Marcelle Xuereb; Salvu Galea; Lonza Gauci; Mary Azzopardi; Adelina Spiteri; Ċetta Buttigieg; Antoinette Attard; Marlene Parnis; Heidi Xuereb; Carmelo Portelli; Joseph Borg; Joseph Buttigieg; Nazzarena Xiberras; Raymond Buttigieg; Saviour Vella; Angela, Agnes & Mary Grech; Mary Mejlak; Pinu Bonnici; Nataline Mercieca; Raymond Spiteri; Carmel Saliba; Joseph Sultana; Sylvana Sacco; Agnes Farrugia; Rita Portelli; M'Rose Portelli; Joanne Grech; Maria Attard; Paul Abela; Francesca Grima; Angelo Bonello; Pawla Theuma; Frans Vella; John Xuereb; Ċetta Farrugia; Pauline Farrugia; Rita Tabone; Maria Portelli; Pawla Formosa; Carmel Scicluna; Eucharist Saliba.

Lucy Stevenson; Frans Mifsud; Ġorġ Borg; Joseph Azzopardi; Pawla Xuereb; Doris Azzopardi; Mariella Cassar; Josette Galea; Rosaria Spiteri; Ġorġ Attard; Rita Cauchi; Josephine Saliba; Julie & Joe Farrugia; Carmen Magro; Maria Portelli; Joe Sultana; Stella Pisani; Pawla Pisani; Ġużepp Sultana; Diana Buttigieg; Heidi Muscat; Rita Spiteri; Grace Grima; Joseph Debrincat; Joe Portelli; M'Ġwann Grima; Ġorġ Bugeja; Joe Xuereb; Pawlu Attard; Gerald Attard; Carmen Rapap; Nancy Bonnici; Loreta Gatt; Stella Aquilina; Carmel Saliba; Ġużeppa Attard; Maria Aquilina; Frances Grima; Carmela Bajada; G. Portelli; M'Ann Azzopardi; Carmen Buttigieg; Joseph Vella; Maria Buttigieg; Rose Marie Costa; Ġuża Grech; Nikolna Buttigieg; Derrick Attard; Victor Zammit; Wenzu Falzon; Rita Theuma; Ġorġ Portelli; Adelina Vella; Stella Attard; Maria Buttigieg; Carmen Refalo; Feliċ Portelli; Grezzja Formosa; Maria Formosa; Nancy Borg; Charles Cauchi; Josephine Portelli; Jimmy Sciberras; Mary Jany Attard; Carmel Hili; Doris Sammut; Katerina Portelli; Anna Aquilina; Maria Farrugia; Matilde Vella; Karmenu Galea; Sunta Cassar; Rose Curmi; Silvana Mercieca; Frances Camilleri; Alvin Spiteri; Joe Xiberras; Maria Attard; Kelinu Gatt; Marjanu Xuereb; Ġuża Curmi; Joe Masini; John Mercieca.

**MALTA:**

Isabel u Terese Mifsud; Rita Dimech; Antoinette Pavia; Polly Farrugia; Miriam Spiteri; Rose Tanti; Bastjan Zammit; Marlene Farrugia; Ġorġ Sacco; Mary Manicolo; John Mifsud; Magda Bugeja; Komunità tas-Sorijiet Franġiskani; Lourdes Cassar; Mary Cassar; Mariella Attard; Lina Farrugia; Doris Micallef; Mariella Zammit; Raymond Cremona; Violet Filletti; Antonia Zammit; Doreen Cassar; Helen Cassar; Louisa Sciberras; Maria Vella; Mary Caruana; J. Cilia; Isabelle Zammit; Emanuel Attard; Frances Xuereb; Marthese Vella; Maria Cauchi; Angela Ellul; Tony Cassar; Marthese Fenech; C. Portelli; Karmena Bugeja; Mrs. Cassar; Tereża Azzopardi; E. Debono; Carmel Debono; Tony & Doris Fenech; Carmen Cachia; Marisa Mamo; Anna Borg; Żarena Bonello; Ruth Bajada; Rose Gauci; Victoria Ellul; Rose Agius; Josette Cauchi; Jane Engerer;

Angel D'Anastasi; P. Galea; Kevin Cassar; Vanessa Camilleri; John Bellizzi; Edith Friggieri; Victor Muscat; L. Fenech; Miriam Gatt; Carmela Rapinett; Anna Agius; F. Debono; M. Kind; Philip Birmingham; C. Vassallo; John Mary Camilleri; Yolanda Pace; Josephine Grima; Mrs. Mifsud; Dr. Joseph Spiteri; Carmen Psaila; Frances Mifsud; Nadia Busuttil; Nazzarenu Camilleri; Giovanna Chetcuti; Doris Bay; Ann Cesareo; Josephine Debono; Carmel Vella; Mariella Caruana; Dr. Albert Ganado; Mary Grace Dimech; Jane Portelli; Familja Vassallo; P.Degiovanni; Mrs. Borg; Carmen Magro; Rose Calleja; Tessie Cachia; Josephine Bonnici; Aloysia Abdilla; Joe Mifsud; Iris Aquilina; Charles Schembri; Neville Camilleri; Tereża Mangion; Josephine Gauci; Jacqueline Briffa; Carmena Buttigieg; Mary Portelli; Frank Debrincat; Carmen Gatt; Charles Mifsud; Lilian Haber; Andrew Schembri; C. Schembri; Nicholas Bonnici; Saviour Borg; Grace Attard; Carmen Cachia; Marika Aquilina; Maria Grech; F. Polidano; Mary Sammut; Mario Riolo; Carmel Cachia; Ġuża Degabriele; Louis Micallef.

**AWSTRALJA:**

Charlie Muscat; Pauline Hursey; E. & P. Cassar; Francis Vella; Rose Zammit; Louis Camilleri; Josephine Vella; Maria Pace; Mary Falzon; Joe Gatt; Maria Azzopardi; Joe Attard; L. Abela; Maria Mizzi; Philip Cini; Ċensina Bonello; Sam Vella; Maria Azzopardi; Joseph Attard; MaryAnn Mifsud; Ġeraldu Buttigieg; Rita Deguara; Peter Muscat; Carmen Mifsud; Theresa Xuereb; Karmena Camilleri.

**U.S.A.:**

Mr. & Mrs. M. Haber; Mary Rose Haber; Denise Camilleri; Maria Haber; Chris Galea; Tony Casha; Mary Cini; Joe Cremona; Giovanna Xuereb; Lee Vassallo.

**U.K.:**

Doris Bekket; Oswald Grech; Pawlu Mallia; Helen Barker.

**KANADA:**

Maria Abela; Maria Aquilina; Raymond Degabriele.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU:

Rev. Philip Gatt; Can. Joseph Grech; Fr. Dionysius Mercieca OCD.; Fr. Joseph Bugeja; Can. John Bartolo; Fr. Josef R. Maj; Dun Anton Bajada; Can. Gius. Farrugia Dimech; Dun Salv Grima; Can. Carmelo Cini; Saċ. D. Ġwann Dimech; Fr. Joseph M. Galdes; Mons. Rosario Borg; Rev. L. Bezzina; Fr. Victor Vella Gauci; Fr. Alexander Vella O.Carm.; P. Twanny Chircop OFM.; Fr. Salvino Vella; Fr. Fabio Attard; Fr. Alfred Sacco; Fr. Dominic Cachia MSSP.; Mons. Raffaele Martinelli; Dun Charles Scicluna; Fr. Nicholas Cachia; Rev. Paul Sciberras; P. Diego Theuma OFM Cap.; Mons. Guido Calleja; Fr. Paul Fenech; Arċip. Mgr. Anton Saliba; Saċ. Joseph Mifsud; Fr. Tony Buhagiar OSA; Fr Christopher Farrugia; Fr. Joseph Said; P. Albert Micallef; Fr. Joseph M. Micallef; Fr. Anthony Busuttil OFM.; Fr. R. Wirth SJ; Fr. Norbert Bonavia; Dun Franġisk Sultana; Dun Karm Curmi; Fr. Joseph Bezzina; Mons. Ġ. P. Briffa Brincati; P. Norbert Ellul Vincenti; Can. Joseph A. Borg; Fr. Alfred Spiteri MSSP; Fr. Anthony Caruana SDB; Kan. Paolo Mejlak; Dun Ġiljan Refalo Rapa; Rev. Salv Sultana; P. Ġwakkin Mercieca; Fr. VicGeorge Vassallo; Dun Mikiel Attard; Fr. Emmanuel Curmi; Mons. M'Anġ Apap; Mons. Fortunato P. Mizzi; Rev. Fr. Matthew Owusu-Manu; Fr. Albert Curmi; Can. Carmelo Borg; Saċ. Lino Vella; Fr. Louis Mallia MSSP; Kan. S. Pace; Saċ. Joseph Sacco; Saċ. Francesco Saliba

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA:

Annalise Galea –Baħrija (Malta); Paulien Cardona – Qormi; Ryan Cardona –Qormi; Titian Gauci – Żurrieq; Daniel Paul Buhagiar – B'Kara; Elena Mercieca – Victoria; Edward John Mercieca – Victoria; Ramona Farrugia – Awstralja; Steve Micallef – St. Andrew's; Terry Anne Saliba – Żebbuġ; Kirsty Agius – Xagħra; Daniel Camilleri – Nadur; Randy Paul Portelli – Nadur; Keith Paul Camilleri – Nadur; Karl Sammut – Buġibba; Glen Vella – Valletta; LeeAnna Ciantar – St. Venera; Sergio Muscat – Żejtun; Andrea Bugeja – Marsascala; Thomas Bugeja – Marsascala; Noela Demanuele – Siġġiewi; Maria Aquilina – Qormi; Jonathan Collict – Gżira; Brandan Micallef – Queensland; Matthew Agius – Imsida; Chantelle Debono – Vittoriosa; Amanda Debono – Vittoriosa; Michelle Debono – Vittoriosa; Graziella Borg – Valletta; Stephen Borg – Qormi; Donatella Borg – Qormi; Lilkin Borg – Qormi; Denia Ellul – Fgura; Glen Caruana – Gudja; Randy Caruana – Gudja; Paul Camilleri – Għajnsielem; Gabriel Mifsud – Żebbuġ (Malta); Doreen Vassallo – Ħamrun.

A.M.D.G.

# Servizz Soċjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

**Ċempel fuq dawn in-numri**

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGHA | IL-HAMIS | IL-ĠIMGHA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|
| TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. |
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas-*"**SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU**"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU????**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu????**

*X'tista' tagħmel!!!*

* **"Servizz Soċjali bit-Telefon".**
* **"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".**
* **"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".**
* **"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ ta' l-Għarb".**

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- ***Kellem lir-Rettur tas-Santwarju,** Mons. Dun Beneditt Camilleri.*
- ***Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu", c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.***
- ***Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.***



IS-SANTWARJU TA' PINU LI MIEGĦU HIJA ANNESSA L-KAPPELLA L-QADIMA

*F'dan is-Santwarju venerabbli tal-Madonna Ta' Pinu nroddu ħajr lil Sidna Ġesù Kristu għall-preżenza u protezzjoni mimlija mħabba ta' l-Omm Verġni tiegħu li l-Knisja f'Malta u Għawdex ilha tesperjenza tul l-istorja kollha tagħha. Għal sekli sħaħ, il-fidili ta' dawn il-gżejjer qorbu lejn Marija fit-talb u talbu għall-interċessjoni mimlija mħabba tagħha biex tgħinhom fi ħtiġijiethom u ssabbarhom fin-niket tagħhom......*

*B'mod speċjali ħafna, Marija minn dejjem kienet il-patruna tal-familji nsara ta' Malta u Għawdex waqt li huma fittxew li jwettqu r-rwol uniku tagħhom fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tar-razza umana......*

*J'Alla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jeżitaw milli jduru lejn Marija......*

*Kemm-il darba, fil-familji tagħkom, ħassejtu li intom bla saħħa quddiem sitwazzjonijiet li jweġġgħukom u li jidhru li ma tistgħux issolvuhom? Kemm nies isibu li hi ġlieda kontinwa biex jaħfru piki li ilhom is-snin, jew biex jirbħu emozzjonijiet li jkunu daħlu 'l ġewwa ħafna ta' rabja, ostilità, għira jew riżentiment? Kemm hawn nies li għandhom xewqa ddisprata biex xi ħadd maħbub jitlaq mod ta' ħajja jew kors ta' azzjoni li huma jafu li jista' jwassal biss għall-frustrazzjoni u nuqqas ta' kuntentizza? U kemm drabi nħossu għal xi ħadd li jkun maqbud fit-taqbid ta' wġigħ mentali jew dwejjaq qares li ma jkun jagħraf ebda konsolazzjoni? F'waqtiet bħal dawn, m'għandniex nafdaw fl-interċessjoni mimlija mħabba ta' Marija, fiduċjużi li l-aktar bla tama mis-sitwazzjonijiet umani tista' tinbidel mill-qawwa ta' salvazzjoni ta' Ġesù, li bi tweġiba għat-talba tagħha bidel l-ilma f'inbid, li miet fuq is-salib biex aħna nkunu nistgħu ngħixu għal dejjem?......*

*Għal din ir-raġuni ninkoraġġikom kollha kemm intom biex titolbu bla heda (ara 1 Tess 5:17), l-aktar fil-familji tagħkom, f'radd ta' ħajr umli għal dak kollu li Alla takom fit-tjubija tiegħu. Itolbuh kuljum biex igħinkom biex tibqgħu fidili lejn il-vokazzjoni li takom fi Kristu!......*

*(Mid-diskors tal-Papa f'Ta' Pinu, 26-5-90).*